# KAPITOLU 371

## ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU

*Biex jirregola l-kummerċ bankarju.*

15 ta' Novembru, 1994

*L-ATT XV tal-1994, kif bl-Atti XXIV u XXV tal-1995, VI tal-2001, XVII tal-2002, IV u IX tal-2003, XIII tal-2004 u XX tal-2007; bl-Avviż Legali 425 tal-2007; u bl-Atti III u XVII tal-2009, u II tal-2010.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju. Titolu fil-qosor.

**2.** (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: XXIV. 1995.362; XXV. 1995.434; XVII. 2002.157; IX. 2003.76; XIII. 2004.82; XX. 2007.85; XVII. 2009.11.*

"attivitajiet materjali" tfisser:

(i) attivitajiet ta' tali importanza fejn kull dgħufija jew nuqqas fit-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jista' jkollu effett sinifikanti fuq il-kapaċità ta' entità li jkollha liċenza li twettaq ir-responsabbiltajiet regolatorji li jkollha u, jew li tkompli għaddejja fin-negozju;

(ii) kull attività oħra li tkun tenħtieġ liċenza mingħand l-awtorità ta' sorveljanza;

(iii) xi attivitajiet li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-maniġġar ta' riskju ta' l-entità; u

(iv) l-immaniġġar ta' riskji li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-attivitajiet;

"awtorità kompetenti" tfisser il-korp imsemmi fl-artikolu 3(1);

"awtorità regolatorja estera" tfisser awtorità li f'pajjiż jew territorju barra minn Malta teżerċita funzjoni li tkun tikkorrispondi għall-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att;

"Bank Ċentrali" tfisser il-Bank Ċentrali ta' Malta kif definit bl-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta; Kap. 204.

"bank" jew "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser kull persuna li tagħmel kummerċ bankarju, u, kemm-il darba ma jiġix dikjarat xort'oħra, tinkludi istituzzjoni ta' flus elettroniċi;

"depożitu" tfisser somma ta' flus imħallsa fuq il-patti li taħtha tkun se titħallas lura, bi jew mingħajr imgħax jew *premium* u jew fuq talba jew fi żmien jew f'ċirkostanzi miftehma minn jew f'isem il-persuna li tagħmel il-ħlas u l-persuna li tirċievi l-ħlas;

"Direttiva" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 2006/48/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006, dwar il-bidu u l-ġestjoni tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (*recast*), skond ma tista' tkun emendata jew aġġornata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tiġi maħruġa taħtha;

"Direttiva dwar Adegwatezza Kapitali" tfisser id-Direttiva 2006/

49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 fuq l-adegwatezza kapitali ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu, skond kif tista' tkun emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tiġi maħruġa taħtha;

"direttur" tinkludi individwu li jkun jokkupa l-pożizzjoni ta' direttur ta' kumpannija, imsejjaħ b'isem ikun li jkun, li jkollu s-setgħa li jmexxi sostanzjalment l-istess funzjonijiet relattivi għad-direzzjoni tal-kumpannija bħal dawk magħmula minn direttur u relattivament għal kumpannija reġistrata, li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor barra minn Malta tinkludi membru ta' bord jew aġent jew rappreżentant lokali ta' dik il-kumpannija;

"faċilità ta' kreditu" tfisser it-tislif ta' somma ta' flus b'avvanz, *overdraft* jew self jew xi linja oħra ta' kreditu inkluż l-iskontar ta' kambjali u *promissory notes*, garanziji, indennizzi, aċċettazzjonijiet u kambjali mdawra b'avall;

"fergħa" tfisser fond ta' istituzzjoni ta' kreditu, li ma jkunx l-uffiċċju prinċipali, minn fejn jitmexxa kummerċ bankarju;

"flus elettroniċi" tfisser il-valur monetarju kif rappreżentat minn talba fuq min joħroġ dawk il-flus li jkunu:

(i) maħżuna fuq mezz elettroniku; u

(ii) maħruġa mar-riċeviment ta' fondi f'ammont li ma jkunx inqas fil-valur mill-valur monetarju maħruġ; u

(iii) aċċettati bħala mezz ta' ħlas minn impriżi li ma jkunux min joħroġ il-flus;

"funzjonarju", relattivament għal kumpannija, tinkludi direttur, soċju, *manager* jew segretarju ta' kumpannija jew kull persuna li tkun effettivament taġixxi f'dik il-kariga kemm jekk tkun ġiet maħtura formalment jew le;

"*holding company*" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-kliem "*parent company*" fl-Att dwar Kumpanniji; Kap. 386.

"*holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet" tfisser *holding* dirett jew indirett f'kumpannija li tirrappreżenta għaxra fil-mija jew iżjed tal-kapital azzjonarju jew tal-jeddijiet ta' votazzjoni, meta jitqiesu l-jeddijiet ta' votazzjoni kif stipulati fl-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 fuq l-armonizzazzjoni ta' ħtiġiet ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li jkollhom it-titoli tagħhom ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE, kif ukoll il-kondizzjonijiet dwar l-aggregazzjoni relattiva kif stipulata fl-Artikolu 12(4) u (5) ta' dik id-Direttiva, jew li jirrendi possibbli t-twettiq ta' influwenza sinifikattiva fuq it-tmexxija tal-kumpannija fejn ikun jeżisti dak il-*holding*, u "azzjonist kwalifikattiv" għandha tiftiehem skond hekk:

Iżda, sabiex jiġi stabbilit jekk il-kriterji għal *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet jkunux ġew imwettqa, l-awtorità kompetenti m'għandhiex tqis jeddijiet ta' votazzjoni jew azzjonijiet

li kumpannija ta' investimenti jew istituzzjonijiet ta' kreditu jista' jkollhom bħala riżultat li jkunu jipprovdu li jsir *underwriting* ta' strumenti finanzjarji u, jew ta' tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod skond m'hemm fil-punt 6 tat-Taqsima A mal-Anness 1 mad-Direttiva 2004/39/KE, sakemm dawk id-drittijiet m'humiex, min-naħa waħda eżerċitati jew xort'oħra użati biex jintervjenu fil-maniġġ ta' l-emittent u, mill-oħra, li jsir minnhom fi żmien sena mill-akkwist tagħhom;

"istituzzjoni ta' flus elettroniċi" tfisser kull persuna, barra minn istituzzjoni ta' kreditu, li toħroġ mezzi ta' ħlas fil-forma ta' flus elettroniċi;

"jiem tax-xogħol" u "jum tax-xogħol" ma jinkludux is-Sibtijiet u l-ġranet imsemmija fl-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"kapital inizjali" tfisser kapital imħallas u riservi kif imfissra f'Regola Bankarja fuq kreditu stess;

"kontrollur" hija persuna li, waħedha jew flimkien ma' oħrajn, teżerċita kontroll relattivament għal korp ġuridiku;

"korp ġuridiku" tfisser korp ta' persuni li jkollu personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tiegħu;

"kummerċ bankarju" tfisser il-kummerċ ta' persuna li kif speċifikat fis-subartikolu (2) taċċetta depożitu ta' flus mill-pubbliku li jistgħu jiġu rtirati jew imħallsa lura fuq talba jew wara perijodu stabbilit jew wara avviż jew li tissellef jew tiġbor flus mingħand il-pubbliku (inkluż is-self jew ġbir ta' flus bil-ħruġ ta' obbligazzjonijiet jew *stock* ta' obbligazzjonijiet jew strumenti oħra li joħolqu jew jirrikonoxxu dejn), f'kull każ bl-iskop li dawk il-flus jintużaw kollha jew f'parti billi jkunu mislufa lil terzi jew xort'oħra jkunu investiti akkont u għar-riskju tal-persuna li taċċetta dawk il-flus;

"kumpannija" tfisser soċjetà anonima kostitwita f'Malta skond l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali* jew l-Att dwar Kumpanniji jew kwalunkwe liġi li tista' tkun isseħħ minn żmien għal żmien, jew kumpannija reġistrata, li jkollha liċenza jew *holding* ta' awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor barra minn Malta skond il-liġijiet ta' kwalunkwe pajjiż kemm-il darba dik il-kumpannija, jekk mhux kostitwita f'Malta, tkun tikkwalifika biex tkun hekk reġistrata jew li jkollha liċenza taħt l-liġijiet ta' Malta; Kap. 386.

"liċenza", relattivament għall-kummerċ bankarju, tfisser liċenza mogħtija skond dan l-Att;

"*manager*" tfisser persuna mogħtija l-inkarigu tal-kummerċ jew ta' parti mill-kummerċ ta' kumpannija jew xort'oħra li jkollha rwol sostanzjali ta' sorveljanza bis-setgħa li tagħmel deċiżjonijiet ta' *policy* u deċiżjonijiet esekuttivi għan-nom tal-kumpannija;

"Metodu ta' Kejl Avvanzat" tfisser metodu kif imfisser fir-Regola Bankarja fuq ħtiġiet kapitali;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

*Imħassra bl-Att XXV ta' l-1995 (Kap. 386).

Kap. 373. "*money laundering*" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Att kontra *Money Laundering*;

"obbligi internazzjonali ta' Malta" tfisser kull impenn, responsabbiltà u obbligu li joriġinaw mil-liġi tal-Komunità Ewropea, jew mis-sħubija, jew affiljazzjoni, jew relazzjoni ma' xi organizzazzjoni internazzjonali, globali jew reġjonali jew aggruppament ta' pajjiżi jew minn xi trattat, konvenzjoni jew ftehim internazzjonali jew reċiproku ieħor, ikun kif ikun magħruf, sew bilaterali sew multilaterali, li Malta jew l-awtorità kompetenti ikunu parti fih;

"*outsourcing*" tfisser l-użu li entità li jkollha liċenza tagħmel minn terzi (il-provditur ta' servizz ta' *outsourcing*) biex twettaq attivitajiet li normalment isiru minn entità li jkollha liċenza, korrenti jew fil-futur. Il-provditur jista' jkun entità li jkollha liċenza, jew jista' ma jkunx;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat ŻEE;

"persuni konnessi" tfisser il-persuni definiti bħala tali f'Regola dwar *Exposures* Kbar;

"provditur ta' servizz ta' *outsourcing*" tfisser il-provditur ta' oġġetti, servizzi jew faċilitajiet, li jistgħu jkunu entità li jkollha liċenza, jew jistgħu ma jkunux, u li jistgħu jkunu entità affiljata fi ħdan grupp korporattiv jew entità li tkun barranija għall-grupp;

"qorti" tfisser il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

"rabtiet mill-qrib" tfisser sitwazzjoni fejn żewġ persuni jew iktar ikollhom rabta b'xi wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

(*a*) bil-parteċipazzjoni, permezz ta' proprjetà diretta jew permezz ta' kontroll, ta' għoxrin fil-mija jew iktar tal-jeddijiet ta' votazzjoni jew tal-kapital ta' korp ġuridiku; jew

(*b*) bil-kontroll, permezz ta' relazzjoni bejn impriża ċentrali u impriża sussidjarja kif imfisser fl-artikolu
Kap. 386. 2(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji, jew relazzjoni bħal dik bejn persuna naturali jew ġuridika u impriża; jew

(*ċ*) permanenti mal-istess terza persuna unika permezz ta' relazzjoni ta' kontroll;

"Regola Bankarja" tfisser Regola maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt diversi artikoli ta' dan l-Att;

"Regola dwar *Exposures* Kbar" tfisser dik ir-Regola li għandha tiġi maħruġa mill-awtorità kompetenti biex tirregola *exposures* kbar;

"Regola dwar Flus Elettroniċi" tfisser ir-Regola maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt diversi artikoli ta' dan l-Att;

Kap. 386. "rikostruzzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Att dwar Kumpanniji;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;

"Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992

kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat b'attijiet sussegwenti;

"sussidjarju" għandha l-istess tifsira mogħtija lill-kliem "azjenda sussidjarja" fl-Att dwar Kumpanniji; Kap. 386.

"Tribunal għal-Servizzi Finanzjarji" jew "it-Tribunal" tfisser it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji stabbilit taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; Kap. 330.

"uffiċċju rappreżentattiv" tfisser, relattivament għal korp ġuridiku, korp mhux ġuridiku jew assoċjazzjoni kostitwita skond jew li teżisti taħt il-liġijiet ta' pajjiż barrani, fond f'Malta li minnu jiġi promoss jew mgħejjun b'xi mod il-kummerċ bankarju, u relattivament għal korp ġuridiku, korp mhux ġuridiku jew assoċjazzjoni kostitwita skond u li teżisti taħt il-liġijiet ta' Malta, fond barra minn Malta li minnu jiġi promoss jew mgħejjun b'xi mod il-kummerċ bankarju.

(2) Persuna għandha titqies li tkun qed taċċetta depożiti ta' flus jekk, tant bħala prinċipal kemm bħala aġent, taċċetta mingħand il-pubbliku depożiti ta' flus bħala parti regolari mill-kummerċ tagħha, jew jekk, tant bħala prinċipal kemm bħala aġent, tagħmel avviżi jew stediniet għal dawk id-depożiti, mingħajr ma jittieħed kont tal-patti u l-kundizzjonijiet li taħthom dawk id-depożiti jkunu ġew mistiedna jew riċevuti u mingħajr ma jittieħed kont dwar jekk ċertifikati jew dokumenti oħra jkunux maħruġa relattivament għal xi depożiti tali:

Iżda l-aċċettazzjoni ta' flus kontra xi ħruġ ta' obbligazzjonijiet jew *stock* ta' obbligazzjonijiet jew dokumenti oħra li joħolqu jew jirrikonoxxu djun offruti lill-pubbliku skond xi liġi li tkun isseħħ f'Malta ma għandhiex titqies minnha nnifisha li tikkostitwixxi aċċettazzjoni ta' depożiti ta' flus għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu:

Iżda wkoll ir-riċeviment ta' fondi minn istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi għall-fini tal-flus elettroniċi ma jikkostitwix aċċettazzjoni ta' depożiti jew fondi oħra li għandhom jitħallsu lura jekk il-fondi riċevuti jkunu immedjatament mibdula fi flus elettroniċi.

(3) Ħlief kif espressament provdut xort'oħra f'dan l-Att, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi.

(4) L-attivitajiet kummerċjali ta' istituzzjoni ta' kreditu barra minn istituzzjoni ta' flus elettroniċi, jistgħu, barra l-kummerċ bankarju, jinkludi xi waħda jew l-attivitajiet kollha addizzjonali mniżżla fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att kif jista' jiġi stabbilit mill-awtorità kompetenti.

(5) L-attivitajiet kummerċjali ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi jkunu ristretti għall-ħruġ ta' flus elettroniċi:

Iżda suġġett għal liċenza mogħtija għal hekk mill-awtorità kompetenti dawk l-attivitajiet jistgħu wkoll ikunu estiżi għal:

(i) il-provdiment ta' servizzi finanzjarji jew mhux

finanzjarji b'rabtiet mill-qrib bħall-amministrazzjoni ta' flus elettroniċi bl-egħmil ta' funzjonijiet operattivi u funzjonijiet anċillari oħra li għandhom x'jaqsmu mal-ħruġ tagħom, u l-ħruġ u l-amministrazzjoni ta' mezzi oħra ta' ħlas iżda l-għoti ta' xi forma ta' kreditu; u

(ii) il-ħażna ta' data fuq il-mezz elettroniku f'isem persuni jew istituzzjonijiet pubbliċi oħra.

(6) L-għan ta' dan l-Att hu, f'parti minnu, biex jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva u tad-Direttiva dwar Adegwatezza Kapitali, u għandu jiġi interpretat u applikat skond hekk.

(7) F'dan l-Att u f'kull regolament magħmulin taħtu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u dak Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

Setgħat u dmirijiet tal-Ministru.
*Emendat:*
*XVII. 2002.158;*
*XX. 2007.86.*

**3.** (1) Il-Ministru għandu b'ordni fil-Gazzetta jinnomina korp biex ikun l-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu sabiex jesegwixxi l-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu. Dan il-korp għandu jiġi nominat għal dak il-perijodu li l-Ministru jista' jistabbilixxi u l-Ministru għandu jkollu s-setgħa f'kull żmien li jtawwal, iġedded jew itemm dik in-nomina b'ordni fil-Gazzetta.

(2) (*a*) Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti skond ma jistgħu jkunu meħtieġa biex jagħti seħħ lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u jista' b'dawk ir-regolamenti jittrasponi, jimplimenta u jagħti seħħ lill-ħtiġiet tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 li tirrigwarda l-bidu u l-ġestjoni tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-ħtiġiet tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 fuq l-adegwatezza kapitali ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu.

(*b*) Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' b'żjieda ma' dan jemenda jew jirrevoka dawk ir-regolamenti.

(3) (*a*) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti u l-Bank Ċentrali, jekk ikun jidhirlu spedjenti l-interess pubbliku li jagħmel hekk b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jiddikjara xi ġurnata jew ġranet bħala vaganza jew vaganzi tal-banek.

(*b*) F'kull ġurnata dikjarata bħala vaganza tal-banek skond dan l-artikolu sew jekk il-ġurnata tkun vaganza pubblika sew jekk ma tkunx, ebda bank ma għandu jagħmel xi xogħol mal-pubbliku ħlief safejn ikun permess bl-ordni.

Setgħat u dmirijiet ta' l-awtorità kompetenti. *Emendat: XVII. 2002.159; XX. 2007.85, 87.*

**4.** (1) Għandu jkun id-dmir ta' l-awtorità kompetenti li tesegwixxi l-funzjonijiet preskritti b'dan l-Att u kull regolament, Regoli Bankarji, jew Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu u li tassikura li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jagħmlu kummerċ f'Malta jikkonformaw ruħhom ma' dan l-Att, u ma' kull regolament, direttiva, Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi maħruġa taħtu u l-kondizzjonijiet tal-liċenzi tagħhom. Bis-saħħa ta' dak id-dmir l-awtorità kompetenti għandha f'kull żmien tagħti dik il-koperazzjoni lill-Bank Ċentrali li l-Bank Ċentrali jkun jeħtieġ fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.

(2) L-awtorità kompetenti tagħmel, temenda jew tirrevoka Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi skond ma jista' jkun meħtieġ sabiex tinġieb fis-seħħ xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu.

(3) Regoli Bankarji għandhom ikunu vinkolanti fuq id-detenturi ta' liċenza u oħrajn li jistgħu jiġu speċifikati fihom stess. Regoli dwar Flus Elettroniċi jistgħu jipprovdu li xi disposizzjoni li tinsab fir-Regoli Bankarji, skond ma jista' jkun speċifikat, għandha wkoll tapplika għal istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi.

(4) Ir-Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi u kull emenda jew revoka tagħhom għandhom jiġu mgħarrfa lill-istituzzjonijiet ta' kreditu uffiċjalment u l-awtorità kompetenti għandha tagħmel kopji tagħhom disponibbli għall-pubbliku.

(5) Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi li jimponu xi obbligazzjoni jew ħtieġa fuq il-pubbliku għandhom isiru b'regolamenti skond l-artikolu 3(2).

Liċenzi għal attivitajiet bankarji. *Emendat: XVII. 2002.160; XX. 2007.85, 88; A.L. 425 ta' l-2007.*

**5.** (1) Ebda kummerċ bankarju jew ta' ħruġ ta' flus elettroniċi ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti.

(2) Ebda istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti barra minn Malta ma tista' tiftaħ fergħa, aġenzija jew uffiċċju jew twaqqaf sussidjarja f'Malta kemm-il darba ma jkollhiex liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti:

Iżda istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti fi Stat Membru jew Stat ŻEE għandu jkollha jedd teżerċita d-drittijiet tagħha taħt il-liġi tal-Komunità Ewropea.

(3) Fil-każ ta' dubbju raġonevoli dwar jekk kummerċ bankarju jew l-aċċettazzjoni ta' depożiti jew il-ħruġ ta' flus elettroniċi jkunx jew ma jkunx qed isir f'Malta jew minn Malta minn xi persuna, il-kwistjoni għandha tiġi deċiża b'mod finali mill-awtorità kompetenti.

(4) L-għoti ta' liċenza għandu jkun suġġett għal dritt annwali li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien.

(5) L-awtorità kompetenti tista' teżenta l-applikazzjoni ta' xi waħda jew kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Regoli dwar Flus Elettroniċi għal istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi

f'każijiet meta -

(*a*) l-attivitajiet kummerċjali totali ta' l-istituzzjoni dwar il-ħruġ ta' flus elettroniċi jiġġeneraw ammont totali ta' passiv finanzjarju relatat ma' flus elettroniċi pendenti li ma jkunx jeċċedi l-ammont ta' sitt miljun euro (6,000,000.00); jew

(*b*) il-flus elettroniċi maħruġa mill-istituzzjoni jkunu aċċettati bħala mezz ta' ħlas biss minn xi sussidjarji ta' l-istituzzjoni li jkun u jagħmlu funzjonijiet operattivi jew funzjonijiet ančillari oħra relatati ma' flus elettroniċi maħruġa jew imqassma mill-istituzzjoni, xi kumpanija ċentrali ta' l-istituzzjoni jew xi sussidjarji oħra ta' dik il-kumpanija ċentrali; jew

(*ċ*) flus elettroniċi maħruġa mill-istituzzjoni jkunu aċċettati bħala ħlas biss minn numru limitat ta' intrapriżi, li jkunu distinti b'mod ċar minħabba:

(i) il-lokazzjoni tagħhom fl-istess post jew area lokali limitata oħra; jew

(ii) ir-rabtiet tagħhom mill-qrib finanzjarji jew kummerċjali ma' l-istituzzjoni li taħroġhom, bħala skema komuni ta' bejgħ jew distribuzzjoni:

Iżda l-arranġamenti kontrattwali li fuqhom ikunu bażati għandhom jipprovdu li l-mezz ta' ħażna elettronika li jkun għad-disposizzjoni tad-detenturi sabiex jagħmlu l-ħlasijiet ikun suġġett għal ħażna massima ta' ammont li ma jkunx jeċċedi mija u ħamsin euro u ċenteżmu (150.01).

(6) Istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi li jkunu ġew eżentati mill-applikazzjoni ta' xi waħda jew kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' xi Regoli dwar Flus Elettroniċi għandhom jirrapportaw perjodikament, kif l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi, fuq l-attivitajiet tagħhom inkluż l-ammont totali tar-responsabbilitajiet finanzjarji dwar il-flus elettroniċi.

(7) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-awtorità kompetenti, jistabbilixxi jew jirrikonoxxi forom oħra ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni u notifikazzjoni, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, żidiet, adattamenti u modifikazzjonijiet u eżenzjonijiet li jistgħu jiġu ordnati; u jistgħu jsiru provvedimenti differenti għal każijiet jew klassijiet ta' każijiet differenti, taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu ordnati, filwaqt li jitqiesu l-obbligi internazzjonali ta' Malta.

Applikazzjoni għal liċenza.
*Emendat: XVII. 2002.161; XX. 2007.85.*

**6.** (1) Kull kumpannija li tixtieq tibda kummerċ bankarju jew li toħroġ flus elettroniċi f'Malta għandha, qabel ma tibda xi kummerċ tapplika bil-miktub lill-awtorità kompetenti għal liċenza skond dan l-Att.

(2) L-applikazzjonijiet kollha għal liċenza għandhom ikunu f'dik il-forma u għandu jkollhom magħhom dik l-informazzjoni, u għandhom ikunu skond il-ħtiġiet kif jista' jiġi presskritt minn

żmien għal żmien minn Regola Bankarja u, jew, Regola dwar Flus Elettroniċi u applikazzjoni tista' tiġi rtirata biss b'avviż bil-miktub lill-awtorità kompetenti fi żmien qabel l-għoti jew ċaħda tal-liċenza.

(3) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tordna lil kull persuna biex tipprovdi dik l-informazzjoni li hija tqis meħtieġa għad-deċiżjoni ta' applikazzjoni għal liċenza u għad-deċiżjoni ta' jekk liċenza għandhiex tiġi ristretta jew revokata.

Hrug ta' liċenza. *Emendat: XVII. 2002.162; IV. 2003.178; XX. 2007.85, 89; A.L. 425 tal-2007; XVII. 2009.13.*

**7.** (1) Ebda kumpannija ma għandha tingħata liċenza kemm-il darba -

(*a*) il-kapital inizjali tagħha jammonta għal mhux inqas minn ħames miljuni u wieħed u erbgħin elf u disa' mija u tmienja u għoxrin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (5,041,928.72) jew, fil-każ ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi, minn miljun euro (1,000,000.00):

Iżda, mingħajr ebda preġudizzju u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 16A, l-awtorità kompetenti tista' permezz ta' disposizzjoni li tinsab f'Regola Bankarja, iżżid l-ammonti stabbiliti f'dan il-paragrafu, u dawk l-ammonti jistgħu jissemmew f'kull munita oħra li tista' tiġi speċifikata f'Regola Bankarja;

(*b*) ma jkunx hemm għall-inqas żewġ individwi li jkunu effettivament se jmexxu l-kummerċ tal-istituzzjoni ta' kreditu f'Malta u dawk il-persuni jkollhom fama suffiċjentement tajba u jkollhom esperjenza suffiċjenti biex iwettqu dawk id-dmirijiet;

(*ċ*) l-azzjonisti kwalifikattivi u kontrolluri kollha u l-persuni kollha li jkunu effettivament se jmexxu l-kummerċ ta' l-istituzzjoni ta' kreditu ma jkunux persuni adattati biex jassiguraw il-*management* prudenti tagħha;

(*d*) l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li, meta jkun hemm rabtiet mill-qrib bejn dik il-kumpanija u persuna jew persuni oħra, dawk ir-rabtiet ma jfixkluhix, minħabba xi liġi, regolament, disposizzjoni, amministrazzjoni jew b'xi mod ieħor, milli teżerċita sorveljanza effettiva ta' dik il-kumpanija taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regola Bankarja magħmula taħtu:

Iżda dwar is-subartikoli (1)(*a*), (*b*) u (*ċ*), jekk l-applikant ikun istituzzjoni ta' kreditu li jkollu liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor, ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-istess pajjiż fejn ikun reġistrat u, jew liċenzjat:

Iżda wkoll dwar is-subartikolu (1)(*d*) il-kumpanija għandha, wara li tkun liċenzjata taħt dan l-Att, tgħarraf lill-awtorità kompetenti minnufih b'kull tibdil fiċ-ċirkustanzi dwar l-applikazzjoni ta' l-imsemmi subartikolu (1)(*d*) u għandha wkoll tipprovdi lill-awtorità kompetenti bit-tagħrif neċessarju biex tkun tista tissorvelja t-tħaris mal-kondizzjonijiet imsemmija f'dak is-subartikolu (1)(*d*) fuq bażi kontinwa.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi kull applikazzjoni għal liċenza fi żmien sitt xhur minn meta tkun irċeviet l-applikazzjoni jew, jekk l-applikazzjoni ma tkunx taqbel ma' l-artikolu (2)6 jew tkun meħtieġa aktar informazzjoni, fi żmien sitt xhur mit-tħaris ta' l-imsemmi subartikolu jew il-provvediment ta' l-informazzjoni skond il-każ, liema jkun ta' l-aħħar. F'kull każ applikazzjoni għandha tiġi deċiża fi żmien tnax-il xahar minn meta tiġi riċevuta.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi applikazzjoni billi tagħmel xi waħda minn dawn li ġejjin:

(*a*) tagħti liċenza mingħajr kundizzjonijiet;

(*b*) tagħti liċenza taħt dawk il-kundizzjonijiet li hija tista' tqis xierqa;

(*ċ*) tirrifjuta li tagħti liċenza:

u jekk tirrifjuta applikazzjoni għandha tinforma lill-applikant, bil-miktub, tar-raġunijiet għar-rifjut.

(4) Meta toħroġ liċenza, l-awtorità kompetenti tista', bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li hija tista' tqis adatti, u wara li tkun ħarġet il-liċenza hija tista', minn żmien għal żmien, tibdel jew tirrevoka kull kondizzjoni li tkun ġiet hekk imposta jew timponi kondizzjonijiet ġodda.

(5) Meta l-awtorità kompetenti tonqos għal kwalunkwe raġuni li tiddeċiedi applikazzjoni fiż-żmien preskritt taħt is-subartikolu (2), dan il-fatt għandu jitqies li jikkostitwixxi rifjut li tagħti liċenza.

(6) Istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata taħt dan l-Att għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti bil-partikolaritajiet ta' kull tibdil fl-informazzjoni provduta taħt dan l-Att malli dik l-istituzzjoni ta' kreditu ssir taf b'dak it-tibdil.

(7) Meta sseħħ l-amalgamazzjoni ta' xi żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu jew iktar wara li jkun inġieb il-kunsens ta' l-awtorità kompetenti, il-fondi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu stess li jirriżultaw mill-amalgamazzjoni ma għandhomx ikunu inqas mill-Fondi totali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu stess amalgamati fil-waqt ta' l-amalgamazzjoni.

(8) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'kull liċenza li tinħareġ lil istituzzjoni ta' kreditu skond l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi, magħmulin taħtu.

Dritt għal fidi.
*Miżjud:*
*XVII. 2002.163.*
*Emendat:*
*IX. 2003.77;*
*XX. 2007.90;*
*A.L. 425 tal-2007.*

**7A.** (1) Detentur ta' flus elettroniċi jista', matul il-perijodu tal-validità tagħhom, jeħtieġ lil min joħroġ il-flus biex jifdi kull ammont pendenti bil-valur tiegħu f'muniti u biljetti ta' flus jew bi trasferiment f'kont mingħajr ħlas ta' drittijiet ħlief dawk li jkunu strettament neċessarji biex issir l-operazzjoni.

(2) Min joħroġ il-flus għandu jiddikjara lid-detentur il-kondizzjonijiet għall-fidi fil-kuntratt bejn min joħroġ il-flus u d-detentur u jista' wkoll jistabbilixxi l-inqas ammont għall-fidi; iżda dak l-ammont m'għandux jeċċedi l-ammont ta' għaxar euro u żewġ

ċenteżmi (10.02).

Uffiċċji rappreżentattivi ta' banck mhux Maltin.
*Emendat: XVII. 2002.164; XX. 2007.85, 91.*

**8.** (1) Kumpannija li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor li ma jkunx Malta li teżerċita kummerċ bankarju barra minn Malta ma tistax tistabbilixxi uffiċċju rappreżentattiv f'Malta kemm-il darba ma tkunx tat avviż ta' mhux inqas minn xahrejn lill-awtorità kompetenti li hija tipproponi li tistabbilixxi uffiċċju tali. Dak l-avviż għandu -

(*a*) jispeċifika l-isem li jkun propost li jintuża relattivament għall-attivitajiet ta' l-uffiċċju rappreżentattiv u l-indirizz ta' dak l-uffiċċju;

(*b*) ikollu miegħu kopja ċertifikata ta' l-awtorizzazzjoni tal-kumpannija biex tmexxi l-kummerċ bankarju f'pajjiż li ma jkunx Malta.

(2) Kumpannija msemmija fis-subartikolu (1) li jkollha uffiċċju rappreżentattiv f'Malta għandha xorta waħda tinnotifika lill-awtorità kompetenti -

(*a*) għall-inqas xahrejn bil-quddiem b'kull bidla proposta fl-isem ta' l-uffiċċju rappreżentattiv;

(*b*) b'kull bidla fil-liċenza tagħha biex tmexxi l-kummerċ bankarju f'pajjiż li ma jkunx Malta, mhux iżjed minn xahrejn wara dik il-bidla.

(3) L-awtorità kompetenti tista', f'kull żmien, tinnotifika uffiċċju rappreżentattiv f'Malta b'avviż ta' oġġezzjoni għall-isem jew isem propost ta' dak l-uffiċċju.

(4) L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti avviż bis-saħħa tas-subartikolu (3) kemm-il darba ma tkunx tal-fehma li l-isem jew isem propost ikun qarrieqi għall-pubbliku jew xort'oħra mhux desiderabbli u, malli jirċievi dak l-avviż, l-uffiċċju rappreżentattiv ma għandux juża l-isem li l-awtorità kompetenti tkun oġġezzjonat għalih relattivament għal attivitajiet immexxija f'Malta.

(5) L-awtorità kompetenti tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil kull kumpanija li jkollha uffiċċju rappreżentattiv f'Malta jew li tkun tat avviż skond is-subartikolu (1) biex tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'dik l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti tkun raġonevolment teħtieġ, u l-imsemmija kumpannija għandha tosserva dak l-avviż fil-perijodu li jkun raġonevolment speċifikat bl-avviż.

(6) Uffiċċju rappreżentattiv f'Malta għandu jissupplixxi lill-awtorità kompetenti b'kopja ta' kull dokument li huwa meħtieġ li jipprovdi lir-Reġistratur tal-Kumpanniji mhux aktar tard miż-żmien li sa fih dak id-dokument għandu jiġi provdut lill-imsemmi Registratur.

(7) L-awtorità kompetenti tista' b'Regola Bankarja tipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 20 sa 24 għandhom japplikaw għal uffiċċji rappreżentattivi f'Malta bl-istess mod kif dawn japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu bla ħsara għal dawk il-bidliet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fir-Regola Bankarja.

(8) L-awtorità kompetenti tista' b'Regola Bankarja timponi fuq

kumpanniji li jkunu stabbilixxew jew li jkunu bi ħsiebhom jistabbilixxu uffiċċji rappreżentattivi f'Malta, dawk il-ħtiġiet li l-awtorità kompetenti tqis xierqa dwar dawk l-uffiċċji u l-attivitajiet immexxija minnhom u tista' timponi fuq dawk il-kumpaniji dak id-dritt fis-sena kif jista' jiġi stabbilit minn żmien għal żmien.

(9) L-awtorità kompetenti tista', fi żmien ix-xahrejn imsemmija fis-subartikolu (1), tordna lill-kumpannija msemmija fl-imsemmi subartikolu (1) biex ma tistabbilixxix uffiċċju rappreżentattiv f'Malta u f'kull żmien wara dan tordna l-għeluq ta' kull uffiċċju rappreżentattiv hekk stabbilit.

Restrizzjoni u tħassir ta' liċenza.
*Emendat:*
*XVII. 2002.165;*
*XX. 2007.92;*
*XVII. 2009.14.*

**9.** (1) Liċenza awtomatikament tieqaf milli jkollha effett jekk id-detentur tal-liċenza -

(*a*) jirrinunzja l-liċenza; jew

(*b*) ma jibdiex il-kummerċ bis-saħħa tal-liċenza fi żmien tnax-il xahar mill-ħruġ tagħha, jew f'dak il-perijodu ieħor ta' żmien li jista' jkun speċifikat fil-liċenza; jew

(*ċ*) jiġi dikjarat fallut jew jibda likwidazzjoni jew jagħmel ftehim mal-kredituri jew ikun xort'oħra xolt; jew

(*d*) ma jkunx baqa' jaħdem bħala riżultat ta' *merger* ma' istituzzjoni ta' kreditu ieħor; jew

(*e*) ikun fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta' *holding* ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor li ma jkunx Malta u l-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ta' inkorporazzjoni jirtiraw l-awtorizzazzjoni lill-istituzzjoni ta' kreditu.

(2) L-awtorità kompetenti tista' timponi restrizzjonijiet fuq liċenza jew tista' tħassar liċenza f'kull waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) jekk xi dokument jew informazzjoni li jkunu ma' l-applikazzjoni għal liċenza jew xi informazzjoni mogħtija in konnessjoni magħha jkunu foloz f'xi partikolarità sostanzjali jew jekk id-detentur tal-liċenza jaħbi, jew jonqos milli javża, lill-awtorità kompetenti xi dokument jew informazzjoni jew xi bidla fihom li kien fid-dmir tiegħu li juri jew li javża skond dan l-Att jew kull regolament jew Regoli Bankarji jew Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu; jew

(*b*) jekk id-detentur tal-liċenza ma jkomplix jagħmel kummerċ bankarju f'Malta għal aktar minn sitt xhur; jew

(*ċ*) jekk id-detentur tal-liċenza jonqos milli jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament jew tar-Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi, magħmulin taħtu jew mill-kondizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat il-liċenza; jew

(*d*) jekk id-detentur tal-liċenza ma jkunx għadu jippossjedi fondi tiegħu stess suffiċjenti skont l-

artikolu 16A; jew

(*e*) jekk id-detentur tal-liċenza x'aktarx ma jkunx jista' jonora l-obbligi tiegħu jew ma jkunx jista' jiġi fdat aktar biex jissodisfa l-obbligi tiegħu lejn id-depożitanti u l-kredituri; jew

(*f*) jekk id-detentur tal-liċenza ma jkollux attiv biżżejjed biex ikopri l-passiv tiegħu; jew

(*g*) jekk id-detentur tal-liċenza jkun issospenda l-pagamenti jew ikun se jissospendi l-pagamenti; jew

(*h*) jekk l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma li, minħabba fil-mod ta' kif l-istituzzjoni ta' kreditu tkun qed tmexxi jew tkun bi ħsiebha tmexxi l-affarijiet tagħha, jew għal xi raġuni oħra, l-interessi tad-depożitanti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu ikunu mhedda.

(3) Ir-restrizzjonijiet imposti mill-awtorità kompetenti bis-saħħa tas-subartikolu (2) għandhom ikunu dawk ir-restrizzjonijiet li l-awtorità kompetenti jkun jidhrilha li jkunu xierqa sabiex l-istituzzjoni ta' kreditu tħares kif imiss id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu u l-kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, tal-liċenza tagħha u għall-protezzjoni tad-depożitanti u jistgħu jinkludu (mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawnhekk):

(*a*) it-tneħħija ta' kull funzjonarju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jew ir-rimpjazzament ta' kull funzjonarju b'dik il-persuna li l-awtorità kompetenti tista' tagħżel;

(*b*) il-ħtieġa li kwalunkwe persuna li direttament jew indirettament tkun tippossjedi *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet tirrinunzja dak il-*holding* kollu jew parti minnu;

(*ċ*) il-ħtieġa li l-istituzzjoni ta' kreditu tieħu jew iżżomm milli tieħu xi azzjoni;

(*d*) il-ħtieġa li l-istituzzjoni ta' kreditu tiġi projbita milli timpenja ruħha f'xi operazzjoni jew operazzjonijiet jew xi klassi ta' kummerċ jew titħalla timpenja ruħha f'xi operazzjoni jew operazzjonijiet jew xi klassi ta' kummerċ fuq dawk il-patti biss li l-awtorità kompetenti tista' tippreskrivi.

(4) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tvarja jew tneħħi kwalunkwe restrizzjonijiet imposti taħt dan l-artikolu.

(5) Meta l-awtorità kompetenti tkun bi ħsiebha tirrestrinġi jew tħassar liċenza jew tvarja xi restrizzjoni, hija għandha tinnotifika b'avviż bil-miktub il-ħsieb tagħha lill-istituzzjoni ta' kreditu; dak l-avviż għandu jispeċifika r-raġunijiet li minħabba fihom l-awtorità kompetenti tkun bi ħsiebha li tieħu azzjoni u għandu jispeċifika perijodu li fih l-istituzzjoni ta' kreditu tkun intitolata li tagħmel sottomissjonijiet għala dik l-azzjoni ma għandhiex tittieħed. Kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma tiddeċidix li l-kwistjoni tkun urġenti, hija ma għandhiex timponi jew tvarja xi restrizzjoni jew tħassar liċenza qabel ma' jkun għadda dak il-perijodu.

(6) Meta tinħareġ liċenza biex titwaqqaf f'Malta fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta' *holding* ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor li ma jkunx Malta, din tista' titħassar biss wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' inkorporazzjoni, kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma tiddeċidix li l-kwistjoni tkun urġenti jew li jkun hemm ċirkostanzi fejn ikun improprju li ssir dik il-konsultazzjoni prijuri.

(7) Mar-restrizzjoni jew tħassir ta' liċenza ta' istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza f'Malta, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' kwalunkwe stat barrani li fih l-istituzzjoni ta' kreditu jew is-sussidjarji tagħha jkunu qed jagħmlu kummerċ bankarju. L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'kull revoka ta' liċenza.

(8) Meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, din tista' tagħmel pubblika kull azzjoni li tkun ħadet taħt dan l-artikolu.

Appelli.
*Emendat: VI. 2001.24.*
*Sostitwit: XVII. 2002.166.*
*Emendat: XVII. 2009.15.*

**10.** Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti -

(*a*) li tirrifjuta applikazzjoni għal liċenza;

(*b*) li timponi xi kondizzjoni għall-għoti ta' liċenza;

(*ċ*) li timponi jew tvarja xi restrizzjoni;

(*d*) li tirrevoka liċenza;

(*e*) li toħroġ avviż taħt l-artikolu 8(3);

(*f*) li tagħlaq uffiċċju rappreżentattiv;

(*g*) li timponi penali amministrattiva taħt id-disposizzjonijiet ta' artikolu 35A;

(*h*) li toħroġ xi avviż jew tagħmel xi ordni taħt l-artikoli 13, 13A u 13Ċ;

(*i*) li tagħmel ordni taħt l-artikolu 14; jew

(*j*) bin-nuqqas ta' l-awtorità kompetenti li tiddeċiedi applikazzjoni taħt l-artikolu 7(5),

tista' tappella kontra d-deċiżjoni lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet kif stabbiliti taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Kap. 330.

Ftuħ ta' fergħat.
*Emendat: XVII. 2002.167; XX. 2007.93; XVII. 2009.16.*

**11.** (1) Istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza f'Malta għandha tavża lill-awtorità kompetenti bil-miktub qabel ma tiftaħ fergħa ġdida, aġenzija ġdida jew uffiċċju ġdid f'Malta.

(2) Ħlief bil-kunsens bil-miktub ta' l-awtorità kompetenti ebda istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza f'Malta ma tista' tiftaħ fergħa ġdida, aġenzija ġdida jew uffiċċju ġdid jew tistabbilixxi jew takkwista xi sussidjarju f'xi post barra minn Malta.

L.S. 371.11

(3) Istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza f'Malta jkollha jedd teżerċita d-drittijiet tagħha taħt r-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu.

Użu tal-kelma "bank".
*Emendat: XVII. 2002.168; XX. 2007.94.*

**12.** (1) Bla ħsara għas-subartikoli (2) u (3), ħlief bil-permess bil-miktub ta' l-awtorità kompetenti ebda persuna barra minn istituzzjoni ta' kreditu, li ma tkunx istituzzjoni ta' flus elettroniċi, b'liċenza korrenti ma tista' tuża l-kelma "bank" jew xi derivattivi minnha jew kliem ieħor li jistgħu jindikaw jew li jkunu jidhru li jindikaw l-għemil ta' kummerċ bankarju bi kwalunkwe lingwa fid-deskrizzjoni jew titolu li taħtu dik il-persuna tkun qed tagħmel kummerċ, jew tagħmel xi użu bħal dak fuq xi karta ta' l-ittri, f'xi avviż jew reklam, jew b'xi mod ieħor simili.

(2) Istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor li ma jkunx Malta tista' tuża l-isem użat fil-pajjiż fejn ikollha liċenza jew tkun iżżomm awtorizzazzjoni ekwivalenti, ħlief, meta jkun hemm riskju li l-użu ta' dak l-isem jista' jqarraq, dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha żżid dawk id-dettalji spjegattivi ma' isimha skond ma jiġi ordnat mill-awtorità kompetenti.

(3) Kull istituzzjoni ta' kreditu, barra minn istituzzjoni ta' flus elettroniċi, għandha tuża bħala parti mid-deskrizzjoni jew titolu tagħha l-kelma "bank" jew derivattiv wieħed jew iżjed tagħha.

Parteċipazzjoni f'istituzzjoni ta' kreditu.
*Emendat: XVII. 2002.169; XIII. 2004.83; XX. 2007.85, 95; III. 2009.18.*
*Sostitwit: XVII. 2009.17.*

**13.** (1) Minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, kull min jaġixxi bi ftehim (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ f'dan l-Att bħala l-"akkwirent propost"), u li jkun ħa deċiżjoni jew li -

(*a*) jakkwista, direttament jew indirettament, *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'istituzzjoni ta' kreditu;

(*b*) iżid, direttament jew indirettament, *holding* azzjonarju eżistenti li ma jkunx *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet hekk li jikkaġuna li jsir *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'istituzzjoni ta' kreditu; jew

(*ċ*) iżid aktar, direttament jew indirettament, dak il-*holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'istituzzjoni ta' kreditu li bħala riżultat relattiv il-proporzjon tal-jeddijiet ta' votazzjoni jew tal-kapital miżmum ikun jilħaq jew jeċċedi għoxrin fil-mija, tletin fil-mija jew ħamsin fil-mija jew biex l-istituzzjoni ta' kreditu ssir sussidjarja tiegħu,

(hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ f'dan l-Att bħala l-"akkwist propost"), għandu javża lill-awtorità kompetenti bil-miktub b'kull deċiżjoni bħal dik, fejn jindika kemm se jkun il-*holding* azzjonarju maħsub u jipprovdi kull informazzjoni rilevanti hekk kif u bil-mod li l-awtorità kompetenti tista' tkun teħtieġ skond ir-Regola Bankarja, inkluża l-forma li biha għandha ssir notifika bħal dik u l-kriterji adottati mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi stabbilit jekk dik il-persuna tkunx persuna idonea.

(2) Minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, kull min -

(*a*) jakkwista, direttament jew indirettament, mill-inqas ħamsa fil-mija iżda inqas minn għaxra fil-mija mill-kapital azzjonarju jew tal-jeddijiet ta' votazzjoni f'istituzzjoni ta' kreditu; jew

(*b*) iżid, direttament jew indirettament, *holding* azzjonarju eżistenti sabiex il-proporzjon tal-jeddijiet ta' votazzjoni jew tal-kapital miżmum ikun jammonta għal mill-inqas ħamsa fil-mija iżda inqas minn għaxra fil-mija,

għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti bil-miktub, billi jindika d-daqs tal-*holding* azzjonarju u jipprovdi kull informazzjoni rilevanti hekk kif u bil-mod li l-awtorità kompetenti tista' tkun teħtieġ skont ir-Regola Bankarja. Dik ir-Regola Bankarja tista' tipprovdi, fost l-oħrajn, gwida ġenerali dwar meta l-kapital azzjonarju jitqies li jirriżulta f'influwenza sinifikanti.

(3) Minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, kull min ikun ħa deċiżjoni jew li -

(*a*) jiddisponi, direttament jew indirettament, minn *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'istituzzjoni ta' kreditu;

(*b*) inaqqas, direttament jew indirettament, *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet hekk li jġibu li jtemm milli jibqa' *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet; jew

(*ċ*) inaqqas, direttament jew indirettament, *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet sabiex il-proporzjon tal-jeddijiet ta' votazzjoni jew tal-kapital miżmum jinżel għal inqas minn għoxrin fil-mija, tletin fil-mija jew ħamsin fil-mija jew biex l-istituzzjoni ta' kreditu ittemm milli tibqa' sussidjarja tagħha,

għandu javża lill-awtorità kompetenti bil-miktub b'kull deċiżjoni bħal dik fejn jindika kemm se jkun il-*holding* azzjonarju maħsub u jipprovdi kull informazzjoni rilevanti hekk kif u bil-mod li l-awtorità kompetenti tista' tkun teħtieġ skond ir-Regola Bankarja.

(4) Is-subartikoli (1), (2) u (3) għandhom ikunu japplikaw irrispettivament minn jekk xi azzjonijiet rilevanti ikunux jew le ishma elenkati f'xi suq regolat fil-kuntest tat-tifsira tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji jew f'suq ekwivalenti f'pajjiż terz.

Kap. 345.

(5) Ikun id-dmir ta' istituzzjoni ta' kreditu u tad-diretturi tagħha, li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti minnufih malli jsiru jafu li xi persuna iddeċidiet li tieħu xi pass stipulat fis-subartikoli (1), (2) jew (3).

(6) Meta xi persuna tieħu jew tiddeċiedi li tieħu xi azzjoni stipulata fis-subartikolu (1) jew (3) mingħajr ma tavża lill-awtorità kompetenti jew tikseb l-approvazzjoni tagħha skont l-artikolu 13A, allura, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li tista' tiġi imposta taħt dan l-Att, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tagħmel ordni:

(*a*) li jżomm lil dik il-persuna jew istituzzjoni ta' kreditu milli tieħu jew tkompli għaddejja b'dak il-pass;

(*b*) li jiddikjara dik l-azzjoni nulla u bla ebda effett;

(*ċ*) li jkun jeħtieġ lil dik il-persuna jew istituzzjoni ta' kreditu tieħu dawk il-passi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tiġi ristawrata l-pożizzjoni li kienet teżisti

minnufih qabel ma jkun ittieħed dak il-pass;

(*d*) li jżomm lil dik il-persuna jew istituzzjoni ta' kreditu milli teżerċita xi drittijiet li pass bħal dak kien jagħtihom, li kieku kien wieħed leġittimu, inkluż id-dritt li tirċievi xi ħlas jew li teżerċita xi jeddijiet ta' votazzjoni marbutin ma' l-azzjonijiet akkwistati;

(*e*) li jżomm lil dik il-persuna jew istituzzjoni ta' kreditu milli tieħu xi pass bħal dak jew xi pass ieħor fil-kategoriji stipulati fis-subartikoli (1) u (3).

(7) Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, meta l-influwenza eżerċitata minn xi persuna li tkun qegħda takkwista jew tipproponi li takkwista *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet tkun topera, jew x'aktarx li topera, kontra l-maniġġ sod u prudenti ta' xi istituzzjoni ta' kreditu, l-awtorità kompetenti tista' teżerċita kull setgħa li għandha taħt dan l-Att biex itemmu dik is-sitwazzjoni, inkluża s-setgħa li toħroġ dawk id-direttivi li hija tista' tqis li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.

(8) L-awtorità kompetenti tista', permezz ta' Regola Bankarja maħruġa taħt dan l-Att, tindika ċ-ċirkostanzi meta persuni għandhom jitqiesu li "jkunu qegħdin jaġixxu bi ftehim".

Proċedura ta' valutazzjoni. *Miżjud: XVII. 2009.18.*

**13A.** (1) L-awtorità kompetenti għandha, minnufih u f'kull każ fi żmien jumejn tax-xogħol wara li tasal in-notifika meħtieġa taħt l-artikolu 13(1), kif ukoll wara l-wasla sussegwenti li tista' ssir ta' l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (4), tagħti riċevuta tagħha bil-miktub lill-akkwirent propost.

(2) L-awtorità kompetenti jkollha massimu ta' sittin jum tax-xogħol mid-data meta tingħata riċevuta bil-miktub dwar il-wasla tan-notifika meħtieġa taħt l-artikolu 13(1) u kull dokument meħtieġ mill-awtorità kompetenti li jiġi anness ma' dik in-notifika (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ f'dan l-Att bħala "iż-żmien ta' valutazzjoni") sabiex tiġi ġestita l-valutazzjoni abbażi ta' dik l-informazzjoni skont ma jista' jiġi stabbilit minn Regola Bankarja maħruġa għal dan l-għan.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-akkwirent propost bid-data meta jiskadi ż-żmien ta' valutazzjoni, u dan fil-waqt li tkun qegħda tagħti r-riċevuta.

(4) L-awtorità kompetenti tista', matul iż-żmien ta' valutazzjoni, jekk ikun meħtieġ u mhux aktar tard mill-ħamsin jum tax-xogħol ta' dak il-perjodu, titlob kull informazzjoni ulterjuri li tenħtieġ sabiex tiġi kompluta l-valutazzjoni. Dik it-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika kull informazzjoni addizjonali meħtieġa.

(5) Matul iż-żmien bejn id-data meta ssir talba għal informazzjoni addizzjonali mill-awtorità kompetenti u l-wasla ta' risposta għaliha mill-akkwirent propost, iż-żmien ta' valutazzjoni għandu jitwaqqaf. Iż-żmien ta' waqfien m'għandux ikun ta' iżjed minn għoxrin jum tax-xogħol. Kull talba ulterjuri li ssir mill-awtorità kompetenti sabiex l-informazzjoni tiġi kompluta jew iċċarata jkun fid-diskrezzjoni tagħha iżda ma jkunx iwassal għal

waqfien ta' dak il-perjodu.

(6) L-awtorità kompetenti tista' testendi ż-żmien ta' waqfien msemmi fis-subartikolu (5) sa tletin jum tax-xogħol jekk l-akkwirent propost ikun:

(*a*) jinsab jew regolat f'pajjiż terz; jew

(*b*) persuna mhux soġġetta għal superviżjoni taħt:

(i) id-Direttiva;

(ii) id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE tal-20 ta' Diċembru, 1985 dwar il-kordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw ma' impriża għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS);

(iii) id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju, 1992 dwar il-kordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni fuq il-ħajja u li temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-tielet Direttiva fuq l-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja);

(iv) id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru, 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja;

(v) id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April, 2004 fuq is-swieq ta' strumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE; jew

(vi) id-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru, 2005 fuq ir-rijassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE kif ukoll id-Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE.

(7) L-awtorità kompetenti għandha, malli titlesta l-valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) u mhux iżjed tard mid-data meta jiskadi ż-żmien ta' valutazzjoni, toħroġ avviż:

(*a*) li bih tagħti approvazzjoni bla ebda kondizzjoni għall-akkwist propost;

(*b*) li bih tagħti approvazzjoni għall-akkwist propost bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-awtorità kompetenti tista' tqis li jkunu xierqa; jew

(*ċ*) li bih tiċħad l-akkwist propost.

(8) Meta tkun qegħda tagħmel il-valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (2), l-awtorità kompetenti m'għandha la timponi xi kondizzjoni minn qabel dwar il-livell ta' *holding* azzjonarju li għandu jiġi akkwiżit u lanqas teżamina l-akkwist propost skont il-

ħtiġiet ekonomiċi tas-suq.

(9) L-awtorità kompetenti tista' tiċħad l-akkwist propost biss jekk ikun hemm motivi raġonevoli għala għandu jsir dan abbażi tal-kriterji stipulati fir-regola Bankarja msemmija fl-artikolu 13(1) jew jekk l-informazzjoni provduta mill-akkwirent propost ma tkunx kompluta.

(10) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tiċħad l-akkwist propost, hija għandha, fi żmien jumejn tax-xogħol, u mhux iżjed miż-żmien ta' valutazzjoni, tgħarraf lill-akkwirent propost bil-miktub fejn tispeċifika r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. L-awtorità kompetenti tista', sew fuq talba ta' dak l-akkwirent propost sew xort'oħra, toħroġ dikjarazzjoni pubblika fejn tindika dawk ir-raġunijiet.

(11) Jekk l-awtorità kompetenti ma tiċħadx l-akkwist propost bil-miktub fiż-żmien ta' valutazzjoni, dak l-akkwist propost għandu jitqies li jkun ġie approvat.

(12) Mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li tista' tiġi imposta taħt dan l-Att, meta *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'istituzzjoni ta' kreditu jiġi akkwiżit minkejja r-rifjut ta' l-awtorità kompetenti, l-eżerċizzju tal-jeddijiet ta' votazzjoni korrispondenti għandu jiġi sospiż u jekk jintefgħu xi voti bi ksur ta' dan is-subartikolu, dawn ikunu nulli u bla effett.

(13) L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi l-itwal żmien biex isir l-akkwist propost u ttawlu aktar meta tqis li dan l-għemil ikun adatt.

(14) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (6), meta żewġ proposti jew aktar biex jiġi akkwistat jew miżjud xi *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet fl-istess istituzzjoni ta' kreditu jkunu ġew notifikati lill-awtorità kompetenti, din l-aħħar awtorità għandha tittratta lill-akkwirenti proposti b'mod mhux diskriminatorju.

Koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin fil-każ ta' akkwisti.
*Miżjud: XVII. 2009.18.*

**13B.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera b'konsultazzjoni sħiħa mal-awtoritajiet regolatorji barranin meta tkun qegħda tagħmel il-valutazzjoni msemmija fl-artikolu 13A(2) jekk l-akkwirent propost ikun jaqa' taħt xi kategorija minn dawn li ġejjin:

(*a*) istituzzjoni ta' kreditu, impriża ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja, impriża ta' l-assigurazzjoni, impriża tar-rijassigurazzjoni, kumpannija ta' investiment jew kumpannija tal-maniġġar UCITS li tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE jew f'settur li ma jkunx dak fejn ikun qiegħed jiġi propost l-akkwist;

(*b*) l-impriża li jkollha kontroll ta' istituzzjoni ta' kreditu, impriża ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-rijassigurazzjoni, kumpannija ta' investiment jew kumpannija tal-maniġġar UCITS li tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE jew f'settur li ma jkunx dak fejn ikun qiegħed jiġi propost l-akkwist; jew

(*ċ*) persuna li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-rijassigurazzjoni, kumpannija ta' investiment jew kumpannija tal-maniġġar UCITS li tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE jew f'settur li ma jkunx dak fejn ikun qiegħed jiġi propost l-akkwist.

(2) L-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien żejjed, tipprovdi kull informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti għall-valutazzjoni msemmija fl-artikolu 13A(2) lill-awtorità regolatorja barranija fejn titlob dik l-informazzjoni. Meta ssir dik it-talba, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lill-awtorità regolatorja barranija kull informazzjoni rilevanti u għandha tikkomunika b'inizjattiva tagħha stess kull informazzjoni essenzjali. Deċiżjoni mill-awtorità kompetenti skont l-artikolu 13A għandha tindika kull fehma jew riżerva espressa mill-awtorità regolatorja barranija li tkun responsabbli għall-akkwirent propost.

Amalgamazzjonijiet, rikostruzzjonijiet, qsim u tibdiliet fil-kapital azzjonarju jew jeddijiet ta' votazzjoni. *Miżjud: XVII. 2009.18.*

**13Ċ.** (1) Minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra u mingħajr preġudizzju għall-artikolu 13(1) u (3), ikun meħtieġ il-kunsens tal-awtorità kompetenti mogħti bil-miktub qabel ma xi istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' leġittimament:

(*a*) tbigħ jew tiddisponi min-negozju tagħha jew minn xi parti sinifikanti tiegħu;

(*b*) tamalgama ma' xi kumpannija oħra, sew jekk tkun jew ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu;

(*ċ*) tagħmel xi rikostruzzjoni jew qsim; jew

(*d*) iżżid jew tnaqqas il-kapital azzjonarju nominali jew maħruġ tagħha jew tagħmel xi bidla materjali fil-jeddijiet ta' votazzjoni.

(2) Ikun id-dmir tad-diretturi u l-azzjonisti kwalifikanti kollha ta' istituzzjoni ta' kreditu li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti minnufih bil-miktub malli jsiru jafu li dik l-istituzzjoni ta' kreditu tkun bi ħsiebha tieħu xi pass minn dawk stipulati fis-subartikolu (1).

(3) Fi żmien tliet xhur minn meta tasal dik in-notifika jew minn meta tasal dik l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti tkun tista' leġittimament teħtieġ, skont liema tkun l-iżjed tardiva, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ avviż -

(*a*) li bih tagħti kunsens bla ebda kondizzjoni għall-għemil ta' dak il-pass;

(*b*) li bih tagħti l-kunsens għall-għemil ta' dak il-pass bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-awtorità kompetenti tista' tqis li jkunu xierqa; jew

(*ċ*) li bih tiċħad il-kunsens għall-għemil ta' dak il-pass,

u jekk hija tiċħad milli tagħti l-kunsens tagħha hija għandha tgħarraf lill-persuna jew lill-istituzzjoni ta' kreditu involuta bil-miktub dwar għaliex tkun qegħda tiċħad għal dan.

(4) Meta xi persuna jew xi istituzzjoni ta' kreditu jieħdu jew

jiddeċiedu li jieħdu xi pass stipulat fis-subartikolu (1) mingħajr ma jiksbu l-kunsens tal-awtorità kompetenti, allura, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li tista' tiġi imposta taħt dan l-Att, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tagħmel ordni:

(*a*) li jżomm lil dik il-persuna jew istituzzjoni ta' kreditu milli tieħu jew tkompli għaddejja b'dak il-pass;

(*b*) li jiddikjara dak il-pass null u bla ebda effett;

(*ċ*) li jkun jeħtieġ lil dik il-persuna jew istituzzjoni ta' kreditu li tieħu dawk il-passi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tiġi ristawrata l-pożizzjoni li kienet teżisti minnufih qabel ma jkun ittieħed dak il-pass;

(*d*) li jżomm lil dik il-persuna jew istituzzjoni ta' kreditu milli jeżerċitaw xi drittijiet li pass bħal dak kien jagħtihom, li kieku kien wieħed leġittimu, inkluż id-dritt li jirċievu xi ħlas jew li jeżerċitaw xi jeddijiet ta' votazzjoni marbutin ma' l- azzjonijiet akkwistati;

(*e*) li jżomm lil dik il-persuna jew istituzzjoni ta' kreditu milli jieħdu xi pass bħal dak jew xi pass ieħor fil-kategoriji stipulati fis-subartikolu (1).

Kontroll ta' istituzzjoni ta' kreditu.
*Emendat: XVII. 2002.170; XX. 2007.96; XVII. 2009.19.*

**14.** (1) Kull persuna li tkun kontrollur jew direttur ta' istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun persuna adatta biex teżerċita dak il-kontroll.

(2) Istituzzjoni ta' kreditu għandha minnufih tinnotifika lill-awtorità kompetenti -

(*a*) bil-partikolaritajiet kollha tal-persuni kollha li jkunu kontrolluri jew diretturi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

(*b*) bil-partikolaritajiet kollha ta' kull persuna li tkun mistennija li ssir kontrollur jew direttur ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

(*ċ*) bil-partikolaritajiet kollha ta' kull persuna li tkun mistennija li tieqaf milli tkun kontrollur jew direttur ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

(3) Istituzzjoni ta' kreditu għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'kull informazzjoni oħra li hija tista' teħtieġ dwar kwalunkwe kontrollur jew direttur eżistenti jew propost.

(4) Jekk l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma li xi persuna li tkun jew tkun mistennija li ssir kontrollur jew direttur ta' istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx persuna adatta biex tkun kontrollur jew direttur, l-awtorità kompetenti tista' tagħmel ordni li tkun tenħtieġ lil dik il-persuna ittemm milli tkun kontrollur jew direttur jew li jżomm lil dik il-persuna milli ssir kontrollur jew direttur.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kontroll tinkludi s-setgħa li tiġi stabbilita b'kull mod li jkun kull politika finanzjarja u operattiva ta' korp ġuridiku, is-setgħa li jinħatru jew jitneħħew l-akbar numru ta' membri tal-bord tad-diretturi jew ta' xi korp regolatorju ekwivalenti jew is-setgħa li tintefa' l-akbar parti ta' voti waqt laqgħat tal-bord tad-diretturi jew korp regolatorju ekwivalenti.

Operazzjonijiet projbiti.
*Sostitwit:*
*XVII. 2002.171.*
*Emendat:*
*IV. 2003.179;*
*XX. 2007.85, 97;*
*A.L. 425 tal-2007;*
*XVII. 2009.20.*

**15.** (1) Istituzzjoni ta' kreditu, bl-esklużjoni ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi, ma għandhiex -

(*a*) tagħti xi faċilità ta' kreditu kontra s-sigurtà ta' l-azzjonijiet tagħha stess jew kontra xi sigurtajiet oħra maħruġa mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha jew kontra xi azzjonijiet jew xi sigurtajiet oħra ta' korp ġuridiku ieħor li fih l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha kontroll;

(*b*) tagħti jew tippermetti li jibqgħu pendenti faċilitajiet ta' kreditu jew testendi xi servizzi bankarji, taħt pattijiet u kondizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk li l-istituzzjoni ta' kreditu kienet xort'oħra tapplika -

(i) lil xi wieħed mid-diretturi tagħha jew lill-konjugi tagħhom kemm jekk flimkien jew individwalment, jew ma' terzi persuni:

Iżda, f'kull każ fejn jingħataw faċilitajiet ta' kreditu li ma jkunux assigurati, dawn ma għandhomx fit-total jeċċedu s-somma ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73);

(ii) lil xi persuna li fiha l-istituzzjoni finanzjarja jew xi wieħed jew iżjed mid-diretturi tagħha jkun interessat bħala direttur, soċju, *manager* aġent jew membru jew lil xi persuna li tagħha xi wieħed mid-diretturi jew iżjed ta' l-istituzzjoni tal-kreditu jkun garanti;

(iii) lil xi korp ta' persuni li fih l-istituzzjoni ta' kreditu jew xi wieħed jew iżjed mid-diretturi tagħha jkollhom flimkien jew individwalment kontroll, li ma jkunx huwa stess istituzzjoni ta' kreditu jew l-impriża ċentrali ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, jew sussidjarja ta' din l-impriża ċentrali jew sussidjarja ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

u meta l-awtorità kompetenti jkollha raġuni temmen li jkunu ġew applikati dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet favorevoli, jkollha s-setgħa li teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu li tirrettifika l-pożizzjoni, u jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tonqos li tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tirrettifika l-pożizzjoni kif ordnata, l-awtorità kompetenti għandha tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha meħtieġa sakemm il-pożizzjoni tkun rettifikata;

(*ċ*) tagħti jew tippermetti li ibqgħu pendenti relattivament għal xi uffiċjal li ma jkunx direttur, jew xi mpjegat, faċilitajiet ta' kreditu mhux assigurati li fit-total jeċċedu s-salarju ta' tnax-il xahar ta' dak l-uffiċjal jew impjegat:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' permezz ta' Regola Bankarja testendi r-restrizzjonijiet elenkati fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*) jew kull waħda minnhom lil

uffiċjali, impjegati jew azzjonisti oħra ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew lil xi kategoriji oħra ta' persuni b'dak il-mod u sa dak il-limitu kif jista' jiġi speċifikat;

(*d*) takkwista jew iżżomm direttament jew indirettament xi kapital azzjonarju kwalifikattiv f'xi kumpanija li ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu oħra, jew istituzzjoni finanzjarji liċenzjata skond l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, jew xi kumpanija oħra li tmexxi xi attività li tkun sorveljata fuq bażi konsolidata mill-awtorità kompetenti, li l-valur tal-kost oriġinali tagħha jeċċedi ħmistax fil-mija tal-fondi ta' l-istituzzjoni finanzjarja stess jew tal-fondi konsolidati tagħha stess skond il-każ: Kap. 376.

Iżda:

(i) il-limitu ta' ħmistax fil-mija għandu japplika għal kumpanija waħda jew grupp ta' persuni konnessi;

(ii) l-ammont totali ta' dawk il-*holdings* ma għandux jeċċedi sittin fil-mija tal-fondi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu stess jew tal-fondi konsolidati tagħha stess, skond il-każ;

(iii) meta l-limiti stabbiliti jinqabżu minħabba ċirkostanzi li ma setgħux jiġu evitati, l-awtorit**à** kompetenti għandha teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu konċernata jew li żżid il-fondi tagħha stess skond hekk jew li tieħu miżuri oħra ekwivalenti matul perijodu ta' transizzjoni, li ma jkunx iktar minn tnax-il xahar, kif jista' jiġi stabbilit mill-awtorit**à** kompetenti;

(iv) azzjonijiet miżmuma temporanjament matul rikostruzzjoni finanzjarja jew operazzjoni ta' salvataġġ jew matul il-kors normali ta' *underwriting* jew f'isem l-istituzzjoni ta' kreditu stess għan-nom ta' oħrajn ma għandhomx jitqiesu bħala kapital azzjonarju kwalifikattiv għall-finijiet tal-limiti stabbiliti taħt dan il-paragrafu;

(v) l-awtorità kompetenti tista' ma tapplikax il-limiti stabbiliti taħt dan il-paragrafu meta l-eċċessi totali jitnaqqsu mill-fondi għall-kalkolu tal-ħtiġiet kapitali stess taħt l-artikolu 17, u meta ż-żewġ limiti jkunu eċċeduti, l-ogħla mill-ammonti eċċeduti għandhom jitnaqqsu mill-fondi tagħha stess;

(vi) meta l-istituzzjoni ta' kreditu tkun impriża prinċipali jew sussidjarja, it-tħaris tal-limiti stabbiliti b'dan il-paragrafu għandhom ikunu sorveljati fuq bazi konsolidata;

(*e*) mingħajr il-kunsens ta' l-awtorità kompetenti takkwista jew iżżomm azzjonijiet f'kumpanija oħra li

ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu, li jeċċedu ħamsa fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ minn dik il-kumpanija jew xi akkwist sussegwenti ieħor li jeċċedi l-ammont perċentwali appruvat mill-awtorità kompetenti;

(*f*) tixtri, takkwista jew xort'oħra żżomm xi proprjetà mmobbli jew xi dritt fuqha kif jista' jkun meħtieġ raġonevolment sabiex tmexxi l-kummerċ tagħha jew għall-abitazzjoni jew sabiex tipprovdi amenitajiet għall-persunal tagħha:

Iżda dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi istituzzjoni ta' kreditu -

(i) milli jikri xi parti mill-bini li jkun użat sabiex tmexxi l-kummerċ tagħha; jew

(ii) milli tassigura dejn fuq xi proprjeta' immobbli u, fin-nuqqas ta' ħlas ta' dak id-dejn, milli jakkwista jew iżomm dik il-proprjeta', biex tiġi rejalizzata fi żmien tnax-il xahar, jew xi perijodu itwal li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi;

(iii) f'ċirkostanzi oħra milli takkwista proprjeta' immobbli bl-approvazzjoni minn qabel ta' l-awtorità kompetenti li l-kost oriġinali tagħha ma għandux jeċċedi fit-total ħamsa fil-mija tal-fondi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu stess.

(2) Fis-subartikolu (1)(*b*) u (*ċ*) l-espressjoni "faċilitajiet ta' kreditu mhux assigurati" tfisser faċilitajiet ta' kreditu moghtija mingħajr sigurtà jew, relattivament għal xi faċilità mogħtija ta' kreditu magħmula b'sigurtà, kull parti minnha li f'xi żmien teċċedi l-valur fis-suq ta' l-attiv li jikkostitwixxi dik is-sigurtà, jew meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ma hemm ebda valur stabbilit fis-suq, fuq il-bażi ta' valutazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti nnifisha.

(3) Istituzzjoni ta' flus elettroniċi ma għandhiex:

(*a*) ikollha xi holding f'xi korp ta' persuni ħlief meta dak il-korp ta' persuni jkun jagħmel funzjonijiet operattivi jew funzjonijiet anċillari oħra relatati mal-flus elettroniċi maħruġa jew imqassma mill-istituzzjoni konċernata;

(*b*) tagħmel xi waħda mill-attivitajiet projbiti taħt is-subartikou (1)(*e*) u (*f*);

(*ċ*) teċċedi l-limitazzjonijiet ta' investiment li jistgħu jiġu speċifikati f'Regola dwar Flus Elettroniċi meħtieġa taħt dan l-Att.

Sorveljanza fuq bażi konsolidata.
*Miżjud: XVII. 2002.172.*
*Emendat: XX. 2007.85.*

**15A.** L-awtorità kompetenti għandha ssegwi u tissorvelja istituzzjonijiet ta' kreditu li huma mpriżi ċentrali fuq bażi konsolidata u għandha toħroġ Regola Bankarja f'dan is-sens kif jidhrilha xieraq.

**16.** L-awtorità kompetenti għandha toħroġ Regola Bankarja skond kif ikun jidhrilha xieraq biex tirregola *exposures* kbar.

*Exposures* kbar. *Emendat: XX. 2007.85.*

**16A.** (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal-livell minimu tal-ħtiġiet kapitali stabbiliti fir-Regola Bankarja maħruġa skond l-artikolu 17(1), il-fondi ta' istituzzjoni ta' kreditu stess ma jistgħux jinżlu taħt l-ammont ta' kapital inizjali stabbilit fil-liċenza tagħha skond l-artikolu 7(1)(*a*) jew dak l-ammont li jkun ogħla skond ma jista' jkun meħtieġ mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien.

Fondi tagħha stess. *Miżjud: XVII. 2002.173. Emendat: XX. 2007.85, 98; XVII. 2009.21.*

(2) Il-ħtieġa speċifika ta' fondi tagħha stess li jkunu jeċċedu l-livell minimu stabbilit fis-subartikolu hawn qabel imsemmi għandhom jiġu imposti mill-awtorità kompetenti mill-inqas fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jkunux konformi mal-ħtiġiet stabbiliti f'Regola Bankarja u fl-artikolu 17B ta' dan l-Att, jew li għar-rigward tagħhom tkun saret determinazzjoni negattiva fuq il-ħruġ deskritt fl-artikolu 17D(3) ta' dan l-Att, jekk l-unika applikazzjoni ta' miżuri oħra x'aktarx li ma ttejjibx l-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji suffiċjentement fi żmien adatt.

(3) F'ċerti ċirkostanzi speċifiċi u bil-kunsens bil-miktub tal-awtorità kompetenti, meta jkun hemm amalgamazzjoni ta' xi żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu jew aktar, il-kreditu stess tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirriżulta mill-amalgamazzjoni ma jistax jinżel taħt il-kreditu stess totali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu amalgamati fil-waqt tal-amalgamazzjoni sakemm ma jkunx inkiseb il-livell speċifikat fl-artikolu 7(1)(*a*).

(4) Kull meta l-ammont ta' fondi ta' istituzzjoni ta' kreditu stess jinżel taħt l-ammont stabbilit taħt is-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu biex tieħu l-miżuri neċessarji biex tirrestawra l-livell tal-fondi tagħha stess f'dak il-perijodu li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi:

Iżda jekk il-livell tal-fondi tagħha stess ta' istituzzjoni ta' kreditu ma jiġix restawrat fiż-żmien stabbilit, l-awtorità kompetenti tista' b'żieda mas-setgħa li timponi penali amministrattiva, teżerċita kull waħda mis-setgħat mogħtija lilha taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9(2).

(5) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ Regola Bankarja kif jidhrilha xierqa dwar dawk il-fondi.

**17.** (1) Istituzzjoni ta' kreditu, b'esklużjoni ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi għandha -

Adegwatezza kapitali. *Emendat: XVII. 2002.174; XX. 2007.85, 99; III. 2009.19; XVII. 2009.22.*

(*a*) iżżomm ħtiġiet kapitali bi proporzjon ma' attiv imkejjel skond ir-riskju u attiv imkejjel skond ir-riskju nozzjonali kif jinsabu definiti fi u kkalkolati skond id-disposizzjonijiet ta' Regola Bankarja;

(*b*) tinnotifika l-ħtiġiet kapitali lill-awtorità kompetenti f'dawk iż-żminijiet u b'dak il-mod li jkunu preskritti b'Regola Bankarja;

(*ċ*) tavża lill-awtorità kompetenti minnufih malli l-ħtiġiet

kapitali jaqgħu taħt il-livell meħtieġ bil-paragrafu (*a*) u ma' dan l-awtorità kompetenti għandha tordna lill-istituzzjoni ta' kreditu, b'esklużjoni ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi, biex tieħu dawk il-miżuri meħtieġa biex il-ħtiġiet kapitali jinġiebu lura għal-livell meħtieġ f'dak iż-żmien li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi.

(2) Meta l-livell tal-ħtieġa kapitali ta' istituzzjoni ta' kreditu ma jkunx ristawrat fil-perjodu stabbilit, l-awtorità kompetenti tista' b'żjieda mas-setgħa li għandha li timponi piena amministrattiva, teżerċita xi waħda mis-setgħat lilha mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 9(2).

Dejn mitluf u dubjuż. *Miżjud: XVII. 2002.175. Emendat: XX. 2007.85. Sostitwit: XVII. 2009.23.*

**17A.** (1) Kull istituzzjoni ta' kreditu, b'esklużjoni ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi, għandu jkollha provvedimenti adegwati għal dejn mitluf jew dubjuż.

(2) L-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regola Bankarja skond ma hija tqis li jkun adatt biex tirregola l-provvedimenti għal dejn mitluf jew dubjuż.

Tmexxija interna. *Miżjud: XX. 2007.101. Emendat: III. 2009.20.*

**17B.** (1) Kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tara li jkun hemm arranġamenti ta' tmexxija robusta li jinkludu struttura organizzattiva ċara li jkollha linji ta' responsabbiltà definiti sew, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi ta' identifikazzjoni, maniġġar, monitoraġġ u rappurtar ta' riskji li hija tkun jew li tista' tkun esposta għalihom, u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati li jinkludu proċeduri amministrattivi u ta' kontijiet sodi.

(2) Dawk l-arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi msemmija fis-subartikolu (1), għandhom ikunu komprensivi u bi proporzjon man-natura, l-iskala u l-kumplessità ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. Għandu jiġi tenut kont mill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-kriterji tekniċi stabbiliti f'Regola Bankarja jew Regola dwar Flus Elettroniċi.

Proċess intern ta' valutazzjoni ta' adegwatezza kapitali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. *Miżjud: XX. 2007.101.*

**17Ċ.** Kull istituzzjoni ta' kreditu, b'esklużjoni ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, għandu jkollhom strateġiji u proċeduri validi, effikaċi u sħaħ biex jivvalutaw fuq bażi permanenti l-ammonti, il-kompożizzjoni u d-distribuzzjoni tal-kapital intern li huma jikkunsidraw xieraq biex ikopru n-natura u l-livell tar-riskji li għalihom jinsabu u jistgħu jkunu esposti. Dawn l-istrateġiji u proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni interna regolari biex jiġi żgurat li dawn jibqgħu sħaħ u proporzjonali għan-natura, l-iskala u l-kumplessità ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu involuta. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ Regola Bankarja li tkun, fost affarijiet oħra, tipprovdi dwar il-proċess intern ta' valutazzjoni ta' l-adegwatezza kapitali li għandu jkun miżmum minn istituzzjonijiet ta' kreditu għar-rigward tal-profil ta' riskju li dawn ikollhom.

Proċess ta' reviżjoni ta' sorveljanza u ta' valutazzjoni. *Miżjud: XX. 2007.101.*

**17D.** (1) Fit-twettiq tagħha ta' reviżjoni ta' sorveljanza u proċess ta' valutazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirrevedi l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi li jiġu implimentati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu f'konformità ma' dan

l-Att, u ma' kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu u l-kriterji tekniċi mniżżla fl-Anness XI mad-Direttiva, sabiex jiġu valutati r-riskji li dwarhom l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu jew jistgħu jkunu esposti.

(2) L-iskop ta' tali reviżjoni u valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandu jkun dak tal-ħtiġiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu.

(3) Abbażi ta' dik ir-reviżjoni u valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina jekk l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fondi tagħha stess miżmuma minn dawn ikunux jassikuraw maniġġar u kopertura sodi tar-riskji tagħhom.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-frekwenza u l-intensità ta' dik ir-reviżjoni u valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) fir-rigward tad-daqs, l-importanza sistematika, in-natura, l-iskala u l-komplessità ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu involuta u wara li jiġi tenut kont tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Dik ir-reviżjoni u valutazzjoni għandhom mill-anqas jiġu aġġornati ta' kull sena.

(5) Dik ir-reviżjoni u valutazzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti għandha tinkludi l-espożizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għar-riskju ta' rata ta' mgħax li joriġina minn attivitajiet li ma jkunux dawk ta' negozju.

Likwidità.
*Emendat: XVII. 2002.176; XX. 2007.85, 102.*

**18.** L-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regola Bankarja li tispeċifika x'għandu jikkostitwixxi l-attiv likwidu speċifikat u l-passiv ta' depożitu ta' istituzzjoni ta' kreditu u li tistabbilixxi l-inqas *holding* ta' attiv speċifikat bħala proporzjon għall-passiv ta' depożitu li istituzzjoni ta' kreditu għandha żżomm.

Informazzjonijiet li għandhom jingħataw lill-awtorità kompetenti u lill-Bank Ċentrali.
*Emendat: XVII. 2002.177; XX. 2007.85, 103; XVII. 2009.24.*

**19.** (1) Kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tissottometti lill-awtorità kompetenti -

(*a*) reżokontijiet perijodiċi li juru l-qagħda u l-attivi u l-passivi u l-profitti u telf fuq bażi individwali u, fejn ikun xieraq fuq bażi konsolidata inkluż analiżi tagħhom;

(*b*) dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skopijiet prudenzjali u statistiċi;

(*ċ*) dik l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ biex tissodisfa lilha nfisha li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun qegħda tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu;

(*d*) dawk ir-reżokontijiet separati dwar l-uffiċċju u l-fergħat tiegħu barra minn Malta f'dik il-forma u f'dawk iż-żminijiet kif l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha.

(2) Istituzzjoni ta' kreditu għandha tissottometti lill-Bank Ċentrali dik l-informazzjoni li l-Bank Ċentrali jista' jeħtieġ fil-qadi

tad-dmirijiet tiegħu u l-Bank Ċentrali jista' jinvestiga u jitlob għall-kjarifika ta' kull informazzjoni hekk meħtieġa.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll għall-fergħat, aġenziji jew uffiċċji f'Malta kollha ta' istituzzjoni ta' kreditu li ma jkollhiex liċenza f'Malta.

(4) Ir-reżokontijiet kollha meħtieġa taħt is-subartikolu (1) għandhom jiġu ppreżentati f'dik il-forma u f'dawk il-perjodi skond ma jistgħu jiġu preskritti minn Regola Bankarja.

(5) Ir-reżokontijiet kollha u l-informazzjoni kollha mogħtija minn xi istituzzjoni ta' kreditu taħt is-subartikoli (1) u (2) għandhom jitqiesu bħala sigrieti u konfidenżjali ħlief bejn dik l-istituzzjoni ta' kreditu u l-awtorità kompetenti jew il-Bank Ċentrali skond il-każ, iżda l-awtorità kompetenti għandha tagħti dik l-informazzjoni taħt dan l-artikolu kif jista' jkun meħtieġ mill-Ministru jew mill-Bank Ċentrali u għandha tinforma lill-Ministru u lill-Bank Ċentrali jekk f'xi żmien fil-fehma tagħha ikun hemm tħassib dwar l-istat ta' l-affarijiet ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.

Provdituri ta' servizz ta' *outsourcing*. *Miżjud: XX. 2007.104.*

**19A.** (1) Ebda istituzzjoni ta' kreditu m'għandha tagħmel *outsourcing* tas-servizzi jew ta' l-attivitajiet materjali tagħha kemm-il darba l-provditur ta' servizz ta' *outsourcing* ma jingħatax rikonoxximent mill-awtorità kompetenti taħt dan l-artikolu.

(2) L-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regola Bankarja u, jew Regola dwar Flus Elettroniċi skond il-każ, fejn tistipula l-ħtiġiet għar-rikonoxximent tal-provditur ta' servizz ta' *outsourcing* u l-għoti ta' dawk is-servizzi ta' *outsourcing*.

Sorveljanza ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu. *Emendat: XVII. 2002.178; XX. 2007.105; XVII. 2009.25.* Kap. 204.

**20.** (1) Kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tippreżenta lill-awtorità kompetenti kull tagħrif li tkun tista' raġonevolment teħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu, u l-awtorità kompetenti tista' tinvestiga u tiddomanda l-kjarifika ta' kull tagħrif li jiġi hekk ippreżentat.

(2) Kull talba għal informazzjoni jew għal kjarifika tagħha skond dan l-artikolu għandha ssir b'avviż bil-miktub li għandha teħtieġ lir-riċevent biex jipproduċi l-informazzjoni f'dak iż-żmien jew żminijiet jew f'dawk il-perijodi jew dwar dak il-perijodu jew perijodi kif speċifikat fl-avviż.

(3) Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tista' -

(*a*) b'avviż bil-miktub notifikat lil istituzzjoni ta' kreditu, teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu biex tipprovdi rapport minn *accountant* jew persuna oħra ta' ħila professjonali rilevanti dwar, jew dwar xi aspett ta', kull materja li dwarha l-awtorità kompetenti tkun ħtieġet jew setgħet teħtieġ biex l-istituzzjoni ta' kreditu tipprovdi l-informazzjoni skond is-subartikolu (1);

(*b*) b'avviż bil-miktub notifikat lil istituzzjoni ta' kreditu, teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu biex tipproduċi f'dak iż-żmien u f'dak il-post kif speċifikati fl-avviż dak id-dokument jew dokumenti ta' dik id-

deskrizzjoni li tkun speċifikata fl-avviż;

(*ċ*) tawtorizza uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-awtorità kompetenti biex, fuq il-produzzjoni ta' l-awtorità tiegħu, jeħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu biex tipprovdilu minnufih dik l-informazzjoni, jew biex tipproduċilu minnufih dawk id-dokumenti, kif huwa jista' jispeċifika, li tkun informazzjoni jew dokumenti li l-awtorità kompetenti tista' raġonevolment teħtieġ għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu.

(4) L-*accountant* jew il-persuna oħra maħtura mill-istituzzjoni ta' kreditu biex tagħmel xi rapport meħtieġ skond is-subartikolu (3)(*a*) għandu jkun persuna nominata jew approvata mill-awtorità kompetenti; u l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li r-rapport ikun f'dik il-forma kif speċifikat fl-avviż.

(5) Meta, bis-saħħa tas-subartikolu (3), xi persuna jkollha s-setgħa li teħtieġ il-produzzjoni ta' xi dokumenti minn istituzzjoni ta' kreditu, dik il-persuna għandu jkollha l-istess setgħa biex teħtieġ il-produzzjoni ta' dawk id-dokumenti minn xi persuna li tidher li tkun qed tipposedihom.

(6) Is-setgħa taħt dan l-artikolu li istituzzjoni ta' kreditu jew xi persuna oħra jiġu meħtieġa biex jipproduċu xi dokumenti tinkludi s-setgħa -

(*a*) jekk id-dokumenti jiġu prodotti, li jittieħdu kopji tagħhom jew estratti minnhom u li l-istituzzjoni ta' kreditu jew persuna, jew xi persuna oħra li tkun funzjonarju tal-preżent jew ta' l-imgħoddi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu in kwistjoni jew li tkun jew kienet f'xi żmien impjegata mill-istituzzjoni ta' kreditu in kwistjoni jew li tkun qiegħda taġixxi bħala impjegat ta' l-istituzzjoni ta' kreditu in kwistjoni, jiġu meħtieġa jipprovdu spjegazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mid-dokumenti; u

(*b*) jekk id-dokumenti ma jiġux prodotti lill-persuna li kienet meħtieġa biex tipproduċihom tiġi meħtieġa biex tiddikjara, skond l-aħjar tagħrif u twemmin tagħha, fejn qegħdin.

(7) Jekk l-awtorità kompetenti jkun jidhrilha li jkun desiderabbli fl-interessi tad-depożitanti jew depożitanti potenzjali ta' istituzzjoni ta' kreditu li tagħmel hekk, jew jekk ikun xort'oħra meħtie; sabiex twettaq ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tagħha, hija tista' wkoll teżerċita s-setgħat mogħtija bis-subartikoli (1) u (3) relattivament għal xi persuna li tkun jew li f'xi żmien rilevanti kienet -

(*a*) *holding company*, kumpannija sussidjarja jew kumpannija li hija persuna konnessa ma' dik l-istituzzjoni ta' kreditu;

(*b*) kumpannija sussidjarja jew kumpannija li hija persuna konnessa mal-*holding company* ta' dik l-istituzzjoni

ta' kreditu;

(*ċ*) *holding company* ta' sussidjarju ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu; jew

(*d*) kontrollur ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu; jew

(*e*) provditur ta' servizz ta' *outsourcing* ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.

(8) L-awtorità kompetenti tista' b'avviż bil-miktub notifikat lil xi persuna li tkun jew se tkun funzjonarju ta' istituzzjoni ta' kreditu teħtieġ lil dik il-persuna biex tagħtiha, f'dak iż-żmien kif speċifikat fl-avviż, dik l-informazzjoni jew dokumenti li l-awtorità kompetenti tista' raġonevolment teħtieġ biex tistabbilixxi jekk dik il-persuna tkunx persuna adatta biex tokkupa l-pożizzjoni partikolari li hija tokkupa jew tkun se tokkupa.

(9) L-awtorità kompetenti tista' teżerċita s-setgħat mogħtija bis-subartikoli (1) u (3) relattivament għal xi persuna li jkollha *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'istituzzjoni ta' kreditu jekk hija tqis li l-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat ikun desiderabbli fl-interessi tad-depożitanti jew depożitanti potenzjali ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.

(10) Dikjarazzjoni magħmula minn persuna skond ħtieġa imposta bis-saħħa ta' dan l-artikolu tista' tintuża bħala prova kontra tagħha.

(11) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tirkupra mingħand istituzzjoni ta' kreditu li jkun sar rapport dwarha skond is-subartikolu (3) l-ispejjeż magħmula b'konnessjoni ma' dak ir-rapport.

Dritt ta' dħul biex jinkisbu informazzjonijiet u dokumenti.

**21.** (1) Kull uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-awtorità kompetenti jista', fuq produzzjoni tal-provi meħtieġa ta' l-awtorità tiegħu -

(*a*) jidħol f'kull fond okkupat minn persuna li lilha jkun ġie notifikat avviż skond l-artikolu 20 ta' hawn fuq jew l-artikolu 22 ta' hawn taħt sabiex jikseb hemmhekk l-informazzjoni jew dokumenti meħtieġa b'dak l-avviż;

(*b*) jidħol f'kull fond okkupat minn xi persuna li lilha jista' jiġi notifikat avviż skond l-artikolu 20 ta' hawn fuq jew l-artikolu 22 ta' hawn taħt sabiex jikseb hemmhekk dik l-informazzjoni jew dokumenti kif speċifikati fl-awtorità li jkunu informazzjoni jew dokumenti li setgħu kienu meħtieġa b'dak l-avviż iżda l-awtorità kompetenti ma għandhiex tawtorizza lil xi persuna biex taġixxi skond dan il-paragrafu kemm-il darba ma jkollhiex raġuni għalfejn taħseb li jekk dak l-avviż jiġi notifikat ma kienx se jiġi osservat jew li xi dokumenti li għalihom ikun jirreferi jitneħħew, jitbagħbsu jew jinqerdu:

Iżda jekk xi fond imsemmi f'dan il-paragrafu jkun okkupat bħala residenza, dak id-dħul għandu jsir biss fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Pulizija ta' grad ta'

mhux anqas minn Spettur u ma jistax isir bejn id-disgħa ta’ filgħaxija u l-ħamsa ta’ filgħodu.

(2) Ebda persuna ma għandha intenzjonalment tfixkel lil persuna li tkun teżerċita d-drittijiet mogħtija b’dan l-artikolu.

Investigazzjonijiet. *Emendat: XVII. 2002.179; XX. 2006.106; XVII. 2009.26.*

**22.** (1) Jekk l-awtorità kompetenti jkun jidhrila li jkun desiderabbli li tagħmel hekk fl-interessi tad-depożitanti jew depożitanti potenzjali ta’ istituzzjoni ta’ kreditu, jew jekk ikun xort’oħra meħtieġ sabiex tkun tista’ twettaq ir-responsabbiltajiet ta’ sorveljanza tagħha, hija tista’ taħtar persuna kompetenti jew iżjed biex jinvestigaw u jirraportaw dwar -

(*a*) in-natura, it-tmexxija jew l-istat tal-kummerċ ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu jew kwalunkwe aspett partikolari tagħha; jew

(*b*) l-*ownership* u l-kontroll ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu,

u l-awtorità kompetenti għandha tagħti avviż bil-miktub dwar kull ħatra lill-istituzzjoni ta’ kreditu konċernata.

(2) Jekk persuna maħtura skond is-subartikolu (1) tara li tkun ħaġa meħtieġa għall-iskopijiet ta’ l-investigazzjoni tagħha, hija tista’ wkoll tinvestiga l-kummerċ ta’ kwalunkwe persuna li tkun jew li f’xi żmien rilevanti kienet -

(*a*) *holding company*, kumpannija sussidjarja jew kumpannija li hija persuna konnessa ma’ l-istituzzjoni ta’ kreditu li tkun għaddejja investigazzjoni;

(*b*) kumpannija sussidjarja jew kumpannija li hija persuna konnessa ma’ *holding company* ta’ dik l-istituzzjoni ta’ kreditu;

(*ċ*) *holding company* ta’ sussidjarju ta’ dik l-istituzzjoni ta’ kreditu; jew

(*d*) kontrollur ta’ dik l-istituzzjoni ta’ kreditu; jew

(*e*) provditur ta’ servizz ta’ *outsourcing* ta’ dik l-istituzzjoni ta’ kreditu.

(3) L-awtorità kompetenti tista’ teżerċita s-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) relattivament għal xi persuna li jkollha *holding* kwalifikattiv ta’ azzjonijiet f’istituzzjoni ta’ kreditu jekk hija tqis li l-eżerċizzju ta’ dawk is-setgħat ikun desiderabbli fl-interessi tad-depożitanti jew depożitanti potenzjali ta’ dik l-istituzzjoni ta’ kreditu.

(4) Meta l-persuna maħtura skond is-subartikolu (1) tiddeċiedi li tinvestiga l-kummerċ ta’ xi persuna bis-saħħa tas-subartikolu (2) jew tas-subartikolu (3) hija għandha tinforma lil dik il-persuna bil-miktub.

(5) Ikun id-dmir ta’ kull persuna li tkun jew kienet uffiċjal, impjegat, aġent, bankier jew uditur ta’ korp li jkun taħt investigazzjoni skond dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu, jew persuna maħtura biex tagħmel rapport dwar dak il-korp skond dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus

Elettroniċi magħmulin taħtu u kull persunali jkollha *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet fi, jew tkun kontrollur ta', dik l-istituzzjoni ta' kreditu -

(*a*) li tipproduċi lill-persuni maħtura skond is-subartikolu (1), f'dak iż-żmien u f'dak il-post li huma jkunu jistgħu jeħtieġu d-dokumenti kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-korp konċernat li jkunu fil-kustodja jew setgħa tiegħu;

(*b*) li tattendi quddiem il-persuni maħtura f'dak iż-żmien u f'dak il-post kif huma jistgħu jeħtieġu; u

(*ċ*) li xort'oħra tagħti lil dawk il-persuni l-għajnuna kollha f'konnessjoni ma' l-investigazzjoni li hija raġonevolment kapaċi li tagħti,

u dawk il-persuni jistgħu jieħdu kopji ta' jew estratti skond il-paragrafu (*a*).

(6) Persuna li tkun qed teżerċita setgħat bis-saħħa ta' ħatra taħt dan l-artikolu għandha jekk tkun hekk meħtieġa tipproduċi provi u awtorità tagħha.

(7) Ebda persuna ma għandha -

(*a*) mingħajr raġuni legali tonqos li tipproduċi xi dokumenti li huwa d-dmir tagħha li tipproduċi skond is-subartikolu (5);

(*b*) mingħajr raġuni legali tonqos li tattendi quddiem il-persuni maħtura skond is-subartikolu (1) meta tkun meħtieġa biex tagħmel hekk; jew

(*ċ*) mingħajr raġuni legali tonqos li twieġeb xi mistoqsija li ssirilha mill-persuni hekk maħtura relattivament għal xi istituzzjoni ta' kreditu li tkun taħt investigazzjoni jew korp li jkun qiegħed jiġi investigat bis-saħħa tas-subartikolu (2) jew (3).

(8) Dikjarazzjoni magħmula minn persuna skond ħtieġa imposta bis-saħħa ta' dan l-artikolu tista' tintuża bħala prova kontra tagħha.

(9) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa tirkupra mingħand istituzzjoni ta' kreditu li jkun sar rapport dwarha skond is-subartikolu (1) l-ispejjeż magħmula b'konnessjoni ma' dak ir-rapport.

(10) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, riferenza għal istituzzjoni ta' kreditu għandha tinkludi riferenza għal persuni li jkunu jidhru li qed imexxu l-kummerċ bankarju.

Suspett ta' offiżi.
*Emendat: XX. 2007.107.*

**23.** (1) Meta l-awtorità kompetenti jkollha raġunijiet biżżejjed biex tissuspetta li persuna tkun ħatja ta' għemil ta' reat taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu, hija tista' b'avviż bil-miktub teħtieġ lil dik il-persuna jew lil xi persuna oħra -

(*a*) biex tipprovdi, f'dak il-post kif ikun speċifikat fl-avviż u jew minnufih jew f'dak iż-żmien kif ikun hekk

speċifikat, dik l-informazzjoni li hija tista' raġonevolment teħtieġ għall-investigazzjoni ta' l-offiża suspettata;

(*b*) biex tipproduċi, f'dak il-post kif ikun speċifikat fl-avviż u jew minnufih jew f'dak iż-żmien kif ikun hekk speċifikat, dawk id-dokumenti, jew dokumenti ta' dik id-deskrizzjoni li tista' tkun speċfikat, l-awtorità kompetenti tista' raġonevolment teħtieġ għal dak il-għan;

(*ċ*) biex tattendi f'dak il-post kif ikun speċifikat fl-avviż, u twieġeb għall-mistoqsijiet rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk tkunx saret dik l-offiża.

(2) L-awtorità kompetenti jew l-uffiċjal, impjegat jew aġent tagħha awtorizzat kif imiss jistgħu jieħdu kopji ta' jew estratti minn kwalunkwe dokumenti li jiġu prodotti skond dan l-artikolu.

(3) Kull uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-awtorità kompetenti jista', bejn il-ħamsa ta' fil-għodu u d-disgħa ta' fil-għaxija, fuq il-produzzjoni jekk meħtieġa xiehda ta' l-awtorità tiegħu, jidħol f'kull fond okkupat minn persuna li lilha jkun ġie notifikat avviż skond is-subartikolu (1) sabiex jikseb hemmhekk l-informazzjoni jew dokumenti meħtieġa bl-avviż, u jagħmel dawk il-mistoqsijiet imsemmija fil-paragrafu (*ċ*) ta' dak is-subartikolu jew jeżerċita s-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2).

(4) Ebda persuna ma għandha mingħajr raġuni legali tonqos li tħares xi ħtieġa imposta fuqha skond dan l-artikolu jew intenzjonalment tfixkel persuna fl-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija bis-subartikolu (3).

(5) Dikjarazzjoni magħmula minn persuna skond ħtieġa imposta bis-saħħa ta' dan l-artikolu tista' tintuża bħala prova kontra tagħha.

Ostruzzjoni.
*Emendat: XX. 2007.108.*

**24.** Ebda persuna li tkun taf jew li jkollha suspett li tkun qed issir jew li x'aktarx tkun se ssir investigazzjoni -

(*a*) skond l-artikolu 20, l-artikolu 22 jew l-artikolu 23; jew

(*b*) dwar l-għemil suspettat ta' xi reat taħt dan l-Att,

ma tista' tiffalsifika, taħbi, tiddistruġġi jew b'xi mod ieħor tiddisponi minn, jew iġġiegħel jew tippermetti l-falsifikazzjoni, ħabi, distruzzjoni jew tneħħija ta' dokumenti li hija tkun taf jew li jkollha suspett li jkunu jew se jkunu rilevanti għal dik l-investigazzjoni kemm-il darba ma tippruvax illi hija ma kellha ebda ħsieb li taħbi mill-persuni li jkunu qed jagħmlu dik l-investigazzjoni l-fatti mikxufin b'dawk id-dokumenti.

Koperazzjoni u skambju ta' informazzjoni.
*Emendat: XVII. 2002.180; IV. 2003.180; XX. 2007.109; XVII. 2009.27.*

**25.** (1) Fuq bażi tal-obbligi internazzjonali ta' Malta, l-awtorità kompetenti tista' taqsam id-dmirijiet ta' sorveljanza tagħha ma' awtoritajiet regolatorji barranin fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu li topera f'Malta jew fergħa li huma l-proprjetà ta' persuna barranija jew fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu li tkun għal kollox jew f'parti l-proprjetà ta' residenti Maltin li jkun topera barra minn Malta.

(2) L-awtorità kompetenti tista' wkoll, fuq il-bażi tal-obbligi internazzjonali ta' Malta, tikxef informazzjoni lil awtoritajiet regolatorji barranin.

(3) L-awtorità kompetenti tista' wkoll tagħmel pattijiet ta' koperazzjoni, li jkunu jipprovdu dwar l-iskambju ta' informazzjoni, ma' pajjiżi terzi jew ma' awtoritajiet jew korpi ta' pajjiżi terzi kif imfissra fl-Artikoli 47 u 48(1) tad-Direttiva, jekk dik l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali kif provdut għal dan taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu:

Iżda dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir għall-fini tat-twettiq tal-ħidmiet ta' sorveljanza ta' l-awtoritajiet jew korpi msemmija f'dan is-subartikolu:

Iżda wkoll meta l-informazzjoni toriġina fi Stat Membru ieħor, din ma tistax tiġi żvelata mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtorità regolatorja estera li tkun żvelatha, u meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità regolatorja estera tkun tat il-kunsens tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti tista' tikxef informazzjoni taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) biss sal-limitu li l-awtoritajiet regolatorji barranin li jirċievu dik l-informazzjoni jillimitaw l-użu tagħha għal finijiet ta' sorveljanza u regolatorji u għal dawk il-finijiet l-oħra li jistgħu jkunu speċifikament miftehma ma' l-awtorità kompetenti.

(5) L-awtorità kompetenti tista' wkoll fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, jew fuq ftehim ta' reċiproċità tawtorizza awtoritajiet regolatorji barranin biex huma stess, jew permezz ta' persuni kompetenti li huma jaħtru, jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post għal finijiet ta' sorveljanza jew regolatorji f'fergħat jew sussidjarji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-pajjiż ta' l-awtorità regolatorja estera li tagħmel l-ispezzjoni.

(6) L-awtorità kompetenti għandha wkoll, wara li ssirilha talba bil-miktub, tiżvela lill-Bank Ċentrali, Banek Ċentrali oħra barranin, korpi oħra li jkollhom funzjoni simili fil-kwalità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji u, meta jkun adatt, lil awtoritajiet oħra li jkunu responsabbli għall-monitoraġġ ta' sistemi ta' ħlas, kull informazzjoni li tkun fil-pussess jew aċċessibbli għall-awtorità kompetenti, li tkun meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tal-Bank Ċentrali u ta' l-awtoritajiet l-oħra msemmija hawn qabel, taħt il-liġi:

Iżda f'sitwazzjoni ta' emerġenza l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf kemm jista' jkun malajr lill-Bank Ċentrali ta' Malta b'dik l-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tal-Bank Ċentrali taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

Kap. 204.

(7) L-awtorità kompetenti tista' wkoll tikkomunika dik l-informazzjoni, li tkun ġiet riċevuta fost l-oħrajn taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, lil *clearing house* jew lil xi korp simili ieħor rikonoxxut taħt il-liġi nazzjonali għall-għoti ta' *clearing* u twettiq ta' servizzi fis-suq rilevanti nazzjonali, jekk hija

tqis li jkun meħtieġ li tikkomunika dik l-informazzjoni sabiex tiżgura l-funzjonament adatt ta’ dawn il-korpi għar-rigward ta’ nuqqasijiet jew ta’ nuqqasijiet potenzjali minn parteċipanti fis-suq:

Iżda l-dik l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta taħt dan l-artikolu għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet ta’ segretezza professjonali:

Iżda wkoll dik l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta taħt dan is-subartikolu ma tistax tiġi żvelata mill-awtorità kompetenti mingħajr il-kunsens espress ta’ l-awtorità regolatorja estera li tkun żvelatha.

(8) Għandu jkun hemm laqgħat li jsiru bejn istituzzjoni ta’ kreditu, l-udituri maħtura tagħha u l-awtorità kompetenti fuq bażi trilaterali jew bilaterali skond kif ikunu jiġġustifikaw iċ-ċirkostanzi. Dawn il-laqgħat jistgħu jiġu msejħa minn kwalunkwe waħda mill-partijiet ikkonċernati iżda għandhom dejjem ikunu preseduti mill-awtorità kompetenti.

Koperazzjoni u qsim ta’ informazzjoni dwar sorveljanza fuq bażi konsolidata. *Miżjud: XX. 2007.110. Emendat: XVII. 2009.28.*

**25A.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera fil-qrib ma’ awtoritajiet regolatorji barranin fl-affarijiet kollha li jkollhom x’jaqsmu mas-superviżjoni fuq bażi konsolidata. B’mod partikolari dik il-koperazzjoni għandha tinkludi l-għoti lill-awtorità regolatorja estera ta’ kull informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta’ l-awtoritajiet regolatorji esteri taħt id-Direttiva. F’dan il-kuntest l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika meta ssirilha talba għaldaqstant l-informazzjoni rilevanti kollha u għandha tikkomunika b’inizjattiva tagħha nnifisha kull informazzjoni essenzjali.

(2) Għall-finijiet ta’ dan l-artikolu, informazzjoni għandha titqies li tkun waħda essenzjali jekk din tkun tista’ materjalment tinfluwenza l-valutazzjoni tas-sodezza finanzjarja ta’ istituzzjoni ta’ kreditu jew ta’ istituzzjoni finanzjarja fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE u għandha tkun tinkludi, b’mod partikolari, dawn l-affarijiet li ġejjin:

(i) l-identifikazzjoni ta’ l-istruttura tal-grupp ta’ l-istituzzjonijiet ta’ kreditu kollha maġġuri fi grupp;

(ii) l-identifikazzjoni ta’ l-awtorità ta’ sorveljanza jew ta’ l-awtorità regolatorja estera ta’ l-istituzzjonijiet ta’ kreditu fil-grupp, skond il-każ;

(iii) proċeduri għall-kollezzjoni ta’ informazzjoni mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu fi grupp u l-verifika ta’ dik l-informazzjoni;

(iv) żviluppi avversi f’istituzzjonijiet ta’ kreditu jew f’entitajiet ta’ grupp oħra, li jistgħu jaffettwaw serjament l-istituzzjonijiet ta’ kreditu; u

(v) sanzjonijiet maġġuri u miżuri eċċezzjonali li jittieħdu mill-awtorità kompetenti skond dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu inklużi l-imposizzjoni ta’ ħlas kapitali addizzjonali skond l-artikolu 136(1) tad-Direttiva u l-imposizzjoni ta’ kull limitazzjoni fuq l-użu ta’ Metodu ta’ Kejl

Avvanzat għall-ħtiġiet ta' kalkolu tal-fondi ta' l-istess istituzzjoni ta' kreditu kif provdut fir-Regola Bankarja maħruġa mill-awtorità kompetenti.

(3) L-awtorità kompetenti tista', abbażi ta' arranġamenti ta' kordinazzjoni u koperazzjoni bil-miktub, tafda funzjonijiet addizzjonali lill-awtorità regolatorja estera responsabbli għas-sorveljanza fuq bażi konsolidata u tista' tispeċifika proċeduri fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u għall-koperazzjoni tagħha ma' awtoritajiet regolatorji barranin.

(4) L-awtorità kompetenti għandha, qabel ma tasal biex tiddeċiedi, tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji barranin għar-rigward ta' dawn l-affarijiet li ġejjin, sakemm id-deċiżjonijiet imsemmija fis-subartikolu preċedenti jkunu importanti għall-funzjonijiet ta' sorveljanza ta' dawk l-awtoritajiet regolatorji esteri:

(*a*) bidliet fil-parteċipazzjoni azzjonarja, fl-istruttura organizzattiva jew ta' maniġġar ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fi grupp, li jeħtieġu l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' l-awtoritajiet regolatorji esteri; u

(*b*) sanzjonijiet maġġuri jew miżuri eċċezzjonali li jittieħdu mill-awtorità kompetenti, inklużi l-imposizzjoni ta' ħlas kapitali addizzjonali skond l-artikolu 136(1) tad-Direttiva u l-imposizzjoni ta' kull limitazzjoni fuq l-użu ta' Metodu ta' Kejl Avvanzat għall-kalkolu ta' l-obbligi tal-fondi ta' l-istess istituzzjoni ta' kreditu għal riskju operattiv taħt Regola Bankarja.

(5) L-awtorità kompetenti għandha, fil-każijiet kollha, tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji barranin responsabbli għas-sorveljanza fuq bażi konsolidata dwar dak li hemm deskritt fis-subartikolu (4)(*b*), iżda l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma tikkonsultax f'każijiet ta' urġenza jew meta dik il-konsultazzjoni tista' tipperikola l-effettività tad-deċiżjonijiet tagħha. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtoritajiet regolatorji esteri.

(6) L-awtorità kompetenti tista', permezz ta' ftehim bilaterali, tiddelega r-responsabbiltajiet tagħha għas-sorveljanza tas-sussidjarja ta' impriża prinċipali li tkun istituzzjoni ta' kreditu, lill-awtorità regolatorja estera li tkun awtorizzat u ssorveljat l-impriża prinċipali biex hekk l-awtorità regolatorja estera tassumi responsabbiltà għas-sorveljanza tas-sussidjarja skond id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinżamm mgħarrfa bl-eżistenza u l-kontenut ta' kull ftehim bħal dak.

(7) B'żjieda ma' l-obbligi imposti bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, meta l-awtorità kompetenti tkun responsabbli għall-eżerċizzju ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata ta' istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu kontrollati minn *financial parent holding company*, hija għandha twettaq dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(*a*) il-kordinazzjoni tal-ġbir u d-disseminazzjoni ta'

informazzjoni rilevanti jew essenzjali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kif ukoll f'sitwazzjonijiet li jirrigwardaw il-kummerċ vijabbli; u

(*b*) l-ippjanar u l-kordinazzjoni ta' attivitajiet ta' sorveljanza f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kif ukoll f'sitwazzjonijiet li jirrigwardaw il-kummerċ vijabbli, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attivitajiet li hemm fl-artikolu 17D, f'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet regolatorji barranin involuti.

(8) Meta impriża prinċipali tkun tinsab f'Malta u l-awtorità kompetenti ma tkunx hi nnifisha teżerċita sorveljanza fuq bażi konsolidata konformement ma' l-Artikoli 125 u 126 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha, wara li ssirilha talba mill-awtorità regolatorja estera responsabbli biex teżerċita dik is-sorveljanza, teħtieġ lill-impriża prinċipali biex tipprovdi kull informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata u l-awtorità kompetenti għandha tittrasmetti dik l-informazzjoni lill-awtorità regolatorja estera li tkun qegħda tagħmel dik it-talba.

(9) Meta jkun hemm sitwazzjonijiet ta' emerġenza fi ħdan grupp bankarju, li tkun potenzjalment tipperikola l-istabbilità tas-sistema finanzjarja f'xi wieħed mill-Istati Membri jew Stati ŻEE fejn entitajiet ta' grupp ikunu ngħataw liċenza u fejn l-awtorità kompetenti tkun responsabbli għall-eżerizzju ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata, din għandha tgħarraf kemm jista' jkun malajr, b'żjieda mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25, lill-Bank Ċentrali ta' Malta, lil Banek Ċentrali oħra barranin kif ukoll lill-awtoritajiet regolatorji barranin identifikati taħt id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Regola Bankarja li jkollhom x'jaqsmu mas-sorveljanza fuq bażi konsolidata. Meta possibbli, l-awtorità kompetenti għandha tuża l-kanali ta' komunikazzjoni eżistenti u definiti.

(10) Meta l-awtorità kompetenti tkun responsabbli għas-sorveljanza fuq bażi konsolidata, hija għandha, meta tkun teħtieġ informazzjoni li tkun diġà ngħatat lill-awtorità regolatorja estera, tikkuntattja lil dik l-awtorità, kull meta possibbli, sabiex tevita d-duplikazzjoni ta' rappurtar lid-diversi awtoritajiet regolatorji barranin involuti fis-sorveljanza.

Verifika ta' informazzjoni f'każijiet speċifiċi.
*Miżjud: XX. 2007.110.*

**25B.** (1) F'każijiet speċifiċi l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-awtorità regolatorja estera tivverifika informazzjoni għar-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, *financial holding company*, impriża ta' servizzi anċillari, *holding company* b'attività mħallta jew is-sussidjarja tagħha li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE u, sussidjarja li ma tkunx inkluża fi ħdan l-iskop ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata eżerċitata mill-awtorità kompetenti.

(2) Fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu preċedenti l-awtorità kompetenti tista':

(i) titlob lill-awtorità regolatorja estera tagħti setgħa lill-awtorità kompetenti li twettaq il-verifika hi nnifisha;

(ii) titlob lill-awtorità regolatorja estera twettaq il-verifika f'isimha;

(iii) fil-każijiet fejn ma twettaqx il-verifika hi nnifisha, titlob li tipparteċipa fit-twettiq ta' verifika bħal dik; jew

(iv) titlob lill-awtorità regolatorja estera taħtar awditur jew espert biex jagħmel verifika bħal dik.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tirċievi talba biex tivverifika xi informazzjoni mill-awtorità regolatorja estera -

(i) meta awtorità regolatorja estera tagħmel talba lill-awtorità kompetenti biex tagħmel verifika ta' l-informazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkonċedi lill-awtorità regolatorja estera li tkun qegħda tagħmel dik it-talba, li tagħmel dik il-verifika;

(ii) meta awtorità regolatorja estera tagħmel talba lill-awtorità kompetenti biex tagħmel verifika, l-awtorità kompetenti għandha twettaq il-verifika hi nnifisha għan-nom ta' l-awtorità regolatorja estera;

(iii) meta awtorità regolatorja estera titlob lill-awtorità kompetenti tipparteċipa fil-verifika ta' informazzjoni f'dawk il-każijiet fejn awtorità regolatorja estera ma tagħmilx il-verifika hi nnifisha, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti lill-awtorità regolatorja estera tipparteċipa f'dik il-verifika; jew

(iv) meta awtorità regolatorja estera hekk titlob, l-awtorità kompetenti għandha taħtar awditur jew espert biex iwettaq dik il-verifika.

(4) F'dan l-artikolu, *financial holding company*, impriża ta' servizzi anċillari, *holding company* ta' attività mħallta għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom bl-artikolu 4 tad-Direttiva.

Komunikazzjoni mill-udituri, eċċ., ma' l-awtorità kompetenti.
*Emendat: XVII. 2002.181; XX. 2006.111.*

**26.** (1) Ebda dmir li għalih -

(*a*) uditur ta' istituzzjoni ta' kreditu, jew

(*b*) persuna maħtura biex tagħmel rapport skond is-subartikolu ta' l-artikolu 20(3)(*a*) ta' hawn fuq jew skond l-artikolu 22(1),

jistgħu jkunu suġġetti, ma għandu jitqies li jkun inkiser minħabba fli huma jkunu b'*bona fede* ikkomunikaw lill-awtorità kompetenti, kemm jekk b'risposta għal talba magħmula minnha jew le, xi informazzjoni jew opinjoni dwar materja li għaliha japplika dan l-artikolu u li tkun rilevanti għal xi funzjoni ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu.

(2) Relattivament għal uditur ta' istituzzjoni ta' kreditu, dan l-artikolu japplika għal kull materja li taqa' taħt s-subartikolu ta' l-artikolu 31(9).

(3) Relattivament għal persuna maħtura biex tagħmel rapport skond l-artikolu 20(3)(*a*), dan l-artikolu japplika għal kull materja li hija ssir taf biha fil-kapaċità tagħha bħala l-persuna li tkun qed tagħmel ir-rapport u li -

(*a*) ikollha x'taqsam mal-kummerċ jew l-affarijiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li dwarha dik il-persuna tagħmel ir-rapport tagħha jew xi korp assoċjat ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu, jew

(*b*) jekk bis-saħħa ta' l-artikolu 20(7), ir-rapport ikun dwar korp assoċjat ta' istituzzjoni ta' kreditu, ikollha x'taqsam mal-kummerċ jew l-affarijiet ta' dak il-korp.

(4) Relattivament għal persuna maħtura biex tagħmel rapport skond l-artikolu 22(1), dan l-artikolu japplika għal kull materja li hija ssir taf biha fil-kapaċità tagħha bħala l-persuna li tkun qed tagħmel ir-rapport -

(*a*) ikollha x'taqsam mal-kummerċ jew l-affarijiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li dwarha dik il-persuna tagħmel ir-rapport tagħha jew xi korp assoċjat ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu, jew

(*b*) jekk bis-saħħa ta' l-artikolu 22(2), ir-rapport ikun dwar korp assoċjat ta' istituzzjoni ta' kreditu, ikollha x'taqsam mal-kummerċ jew l-affarijiet ta' dak il-korp.

(5) F'dan l-artikolu "korp assoċjat", relattivament għal istituzzjoni, tfisser kull korp bħal dak kif imsemmi fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 20 jew kif imsemmi fl-artikolu 22(2).

Kumitat Bankarju Konġunt.

**27.** *Imħassar bl-Att XVII. 2002.182.*

Istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jkunux jistgħu jonoraw l-obbligi. *Emendat: XVII. 2002.183; XX. 2007.112.*

**28.** Nonostanti kull investigazzjoni provduta f'dan l-Att u f'kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu -

(*a*) meta istituzzjoni ta' kreditu tqis li x'aktarx ma tkunx tista' tonora l-obbligi tagħha jew li tkun ser tissospendi l-pagamenti, hi għandha minnufih tinforma lill-awtorità kompetenti u lill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali bil-miktub;

(*b*) meta l-awtorità kompetenti ssir taf illi istituzzjoni ta' kreditu x'aktarx ma tkunx tista' tonora l-obbligi tagħha jew illi tkun ser tissospendi l-pagamenti, hija għandha tinforma minnufih lill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali bil-miktub;

(*ċ*) meta l-Bank Ċentrali jsir jaf illi istituzzjoni ta' kreditu x'aktarx ma tkunx tista' tonora l-obbligi tagħha jew illi ser tissospendi l-pagamenti, hi għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti bil-miktub.

Depożitu jew protezzjoni. *Miżjud: XVII. 2002.184. Emendat: IV. 2003.181; XX. 2007.113.*

**28A.** Bla ħsara għas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3, il-Ministru, li jaġixxi fuq il-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti biex jistabbilixxi skemi jew arranġamenti oħra b'dik il-personalità ġuridika distinta jew xort'oħra kif jista' jiġi preskritt, għall-protezzjoni ta' depożitanti f'każijiet meta istituzzjonijiet ta' kreditu ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn id-depożitanti u biex jirregolaw l-amministrazzjoni u l-finanzjament ta' kull skema jew arranġament bħal dawk għall-kumpens u għall-kontribuzzjonijiet u imposti li jitħallsu fihom biex jistabbilixxu

livelli minimi u massimi ta' kumpens, biex jeskludu ċerti depożiti mill-applikazzjoni ta' dawk l-iskemi jew arranġamenti, u biex jipprovdu għal kull aspett ieħor li għandu x'jaqsam ma' skemi ta' protezzjoni għad-depożitanti inklużi regoli fuq reklami; u dawn l-iskemi għandhom ikunu eżenti mill-ħlas ta' taxxa fuq l-*income* mid-data li dawn l-iskemi jidħlu fis-seħħ.

Setgħa ta' l-awtorità kompetenti li tieħu kontroll ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.
*Emendat: XVII. 2002.185; XX. 2007.114.*

**29.** (1) Jekk, kemm minn xi rapport magħmul taħt l-artikolu 20 jew l-artikolu 22 jew xort'oħra, ikun jidher lill-awtorità kompetenti illi tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi indikati fl-artikolu 9(2), l-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali, tista' bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9(2) -

(*a*) teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu minnufih biex tieħu dawk il-passi li l-awtorità kompetenti tqis meħtieġa biex tirrimedja jew tirrettifika l-materja;

(*b*) tinnomina persuna kompetenti biex tagħti parir lill-istituzzjoni ta' kreditu dwar it-tmexxija xierqa tal-kummerċ tagħha;

(*ċ*) tinnomina persuna kompetenti biex tieħu f'idejha l-attiv ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jew xi parti minnha sabiex jiġu mħarsa l-interessi tad-depożitanti;

(*d*) tinnomina persuna kompetenti biex tieħu f'idejha kontroll tal-kummerċ ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u jew li tkompli tmexxi dak il-kummerċ jew li tagħmel dik il-funzjoni oħra jew funzjonijiet oħra dwar dak il-kummerċ jew parti minnu, kif tordna l-awtorità kompetenti;

(*e*) teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu biex tillikwida l-kummerċ tagħha jew biex tillikwida l-kummerċ tagħha f'Malta;

(*f*) tinnomina persuna kompetenti biex tagħmilha ta' stralċjarju għall-likwidazzjoni ta' l-affarijiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

(*g*) tistabbilixxi r-rimunerazzjoni li għandha titħallas mill-istituzzjoni ta' kreditu lil kull persuna kompetenti nominata skond dan is-subartikolu.

(2) Meta persuna tiġi nominata mill-awtorità kompetenti -

(*a*) skond is-subartikolu (1)(*b*) l-istituzzjoni ta' kreditu għandha taġixxi skond il-parir mogħti minn dik il-persuna kemm-il darba u sakemm l-awtorità kompetenti ma jtrdnax xort'oħra;

(*b*) skond is-subartikolu (1)(*ċ*) l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkonsenja lil dik il-persuna l-attiv kollu li hi tkun inkarigata minnu, u s-setgħat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha ta' l-istituzzjoni ta' kreditu dwar dak l-attiv sew jekk eżerċitabbli mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi jew minn xi persuna oħra, inkluża r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, għandhom jiġu eżerċitati minnha u nvestiti fiha bl-esklużjoni ta' l-

istituzzjoni ta’ kreditu;

(*ċ*) skond is-subartikolu (1)(*d*) l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tissottometti l-kummerċ tagħha għall-kontroll minn dik il-persuna; u għandha tipprovdiha b’dawk il-faċilitajiet li hija tista’ teħtieġ biex tkompli tmexxi dak il-kummerċ jew biex taqdi l-funzjonijiet mogħtija lilha taħt dak il-paragrafu, u s-setgħa, il-funzjonijiet u d-dmirijiet ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu, sew jekk eżerċitabbli mill-kumpannija f’laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi jew minn xi persuna oħra, inkluża r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu fil-kwistjonijiet kollha għandhom jiġu eżerċitati minnha u vestiti fiha bl-esklużjoni ta’ kull persuna oħra.

(3) Meta persuna tiġi nominata skond is-subartikolu (1)(*ċ*) jew (*d*) -

(*a*) kull funzjoni, setgħa jew dmir li jistgħu jiġu eżerċitati minn xi persuna oħra, inkluż il-kuraturi ta’ fallut jew xi persuna oħra nominata minn jew taħt xi liġi oħra, u li għandhom x’jaqsmu ma’ xi attiv jew kummerċ li l-persuna nominata taħt xi wieħed mill-imsejħa paragrafi tkun inkarigata minnu jew li jkun taħt il-kontroll tagħha għandhom, kemm-il darba jew sakemm l-awtorità kompetenti ma tordnax xort’oħra jew xi disposizzjoni espressa ta’ liġi ma tispeċifikax xort’oħra, jieqfu milli jkunu hekk eżerċitabbli;

(*b*) il-persuna nominata skond xi wieħed mill-imsemmija paragrafi jkollha, dwar dik il-proprjetà, soċjetajiet, ditti jew kummerċ ieħor kif l-awtorità kompetenti tista’ tispeċifika u li fihom l-istituzzjoni ta’ kreditu ikollha interess, sew direttament sew indirettament inkluż kull interess li jinħoloq minn avvanzi jew self magħmula jew faċilitajiet ta’ kreditu mogħti jew minn xi responsabbiltà meħuda, dawk is-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet, inkluża r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja, li l-awtorità kompetenti tista’ tordna, u kull setgħa, funzjoni jew dmir bħal dawk ikunu eżerċitabbli minn dik il-persuna u vestiti fiha bl-esklużjoni ta’ kull persuna oħra:

Iżda:

(i) l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tordna li kull jew xi setgħa, funzjoni jew dmir kif intqal qabel għandhom ikunu eżerċitabbli minn xi persuna oħra, u f’kull każ bħal dan, b’seħħ minn dik id-data jew dati li l-awtorità kompetenti tista’ tispeċifika u kemm-il darba u sakemm l-awtorità kompetenti ma tordnax xort’oħra, is-setgħat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet li għalihom japplika l-ordni ta’ l-awtorità kompetenti għandhom ikunu eżerċitabbli minn dik il-persuna l-oħra nominata għal hekk u jkunu

vestiti fiha bl-esklużjoni ta’ kull persuna oħra;

(ii) meta l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma illi istituzzjoni ta’ kreditu ma jkunx baqagħlha ebda interess kif intqal qabel, huja għandha tordna li kull setgħa, funzjoni u dmir eżerċitabbli skond dan il-paragrafu jieqfu milli jibqgħu hekk eżerċitabbli, iżda kull direttiva bħal dik ma tolqot ebda ħaġa li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir bis-saħħa ta’ jew minħabba xi waħda mill-imsemmija setgħat, funzjonijiet jew dmirijiet;

(*ċ*) il-persuna nominata skond xi wieħed mill-imsemmija paragrafi jkollha s-setgħa li teħtieġ lil kull persuna oħra biex tipprovdiha b’dawk il-faċilitajiet li jidhrilha meħtieġa biex taqdi kull waħda mis-setgħat, funzjonijiet jew dmirijiet skond dan l-artikolu;

(*d*) id-disposizzjoni tal-liġi dwar il-falliment u b’mod partikolari t-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ għandha tieqaf milli tapplika u għandha tieqaf milli taħdem dwar kull proprjetà, soċjetà, ditta jew kummerċ ieħor speċifikati mill-awtorità kompetenti skond il-paragrafu (*b*), kemm-il darba u sakemm jew ħlief sa fejn, l-awtorità kompetenti ma tordnax xort’oħra; u f’kull każ bħal dak il-persuna nominata kif intqal qabel għandha, suġġett għal kull direttiva ta’ l-awtorità kompetenti mogħtija fl-interessi tal-kredituri, taġixxi bħallikieku dawk id-disposizzjonijiet ma kienux jeżistu u daqslikieku ma kienet saret ebda dikjarazzjoni ta’ falliment;

Kap. 13.

(*e*) kull persuna li tiġi nominata skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu għandha tissottometti rapporti ta’ kull sitt xhur ta’ l-attività tiegħu u kontijiet annwali ta’ l-operazzjonijiet tiegħu fil-qadi ta’ dawk il-funzjonijiet verifikati minn uditur indipendenti lill-Ministru li jqiegħed dawk ir-rapporti u dawk il-kontijiet fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati fi żmien ħmistax-il ġurnata.

(4) Meta persuna tiġi nominata skond is-subartikolu (1)(*f*), dik il-persuna tkun l-istralċjarju tal-kumpannija għall-finijiet kollha tal-liġi bl-esklużjoni ta’ kull persuna oħra.

(5) Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu għandu jkollhom effett minkejja kull disposizzjoni oħra ta’ kull liġi, u minkejja dak kollu li jinsab f’kull att, kuntratt, kitba jew dokument ieħor ikun liema jkun.

(6) Id-disposizzjonijiet ta’ qabel dan l-artikolu li jagħtu setgħat esklussivi ta’ rappreżentanza f’persuna nominata mill-awtorità kompetenti bis-saħħa tagħhom għandhom japplikaw ukoll għal kull att jew proċediment mibdija jew li saru qabel ma dik ir-rappreżentanza ġiet vestita kif intqal qabel, u dwar kull għemil jew proċedimenti bħal dawk kull persuna oħra li taġixxi jew li tidher li tkun qed taġixxi, jew li dwarha tittieħed azzjoni, f’dik il-kariga

għandha tieqaf milli tkun parti fi, u għandha tiġi eskluża minn, kull att jew proċedimenti bħal dawk.

(7) Ebda persuna ma għandha b'xi mod tfixkel persuna nominata skond is-subartikolu (1) fil-qadi ta' xi waħda mill-funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet skond dan l-artikolu.

(8) Dwar kull istituzzjoni ta' kreditu li tkun qed taħdem f'Malta u x'imkien ieħor l-uffiċċji u l-fergħat f'Malta ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandhom, jekk l-awtorità kompetenti hekk tordna u safejn hi hekk tordna, jitqiesu li jikkostitwixxu istituzzjoni ta' kreditu separata.

(9) Meta tirċievi rapport kif imsemmi fis-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Bank Ċentrali dwar jekk ikunx ser jieħu azzjoni fuq dak ir-rapport u dwar kull azzjoni li jkun bi ħsiebu jieħu fuqu.

Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti. *Miżjud: XVII. 2002.186. Sostitwit: XX. 2007.115.*

**29A.** Il-Ministru għandu, wara li jikkonsulta lill-awtorità kompetenti, jagħmel regolamenti sabiex tiġi trasposta d-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-4 April 2001 fuq l-organizzazzjoni mill-ġdid u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għar-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti f'Malta u ta' fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti barra minn Malta, u jistgħu jsiru disposizzjonijiet different għal każijiet jew klassijiet ta' każijiet different, u għandu jiġi tenut kont ta' l-obbligi internazzjonali ta' Malta f'dan ir-rigward. Dawk ir-regolamenti jistgħu jkunu jipprovdu dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri u proċeduri ta' organizzazzjoni mill-ġdid dettaljata, inklużi dawn l-affarijiet li ġejjin: il-pubblikazzjoni u s-sottomissjoni ta' informazzjoni f'dik il-lingwa jew f'dawk il-lingwi u f'dawk il-ġurnali jew pubblikazzjonijiet oħra skond ma jista' jkun preskritt; is-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-kredituri, u l-mod u l-proċedura ta' dan; in-notifika lil kredituri u l-proċedura għas-sottomissjoni ta' talbiet jew ilmenti; miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' kredituri u ta' terzi oħrajn, inklużi arranġamenti ta' *netting*; konsultazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u kull awtorità regolatorja, amministrattiva jew ġudizzjarja f'Malta u barra minn Malta li jkollha kompetenza fuq l-istralċ jew l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew tal-fergħat tiegħu; il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dak l-istralċ jew dawk il-proċeduri ta' organizzazzjoni mill-ġdid; l-għemil ta' Regoli Bankarji li jirregolaw l-applikabilità tal-liġi adatta jew applikabbli u kwistjonijiet oħra ta' konflitt tal-liġijiet..

Lingwa tar-regolamenti. *Miżjud: XIII. 2004.84. Emendat: XX. 2007.117.*

**29B.** Regolamenti u Regoli Bankarji magħmula taħt dan l-Att u kull emenda jew revoka ta' dawk ir-regolamenti, jistgħu jsiru bil-lingwa Ingliża biss.

Pubblikazzjoni ta' reżokontijiet finanzjarji verifikati.
*Emendat: XVII. 2002.187; XX. 2007.85, 118; II. 2010.5.*

**30.** Kull istituzzjoni ta' kreditu għandha, mhux aktar tard minn erba' xhur mill-egħluq tas-sena finanzjarja tagħha jew f'xi żmien ieħor hekk kif jista' jkun awtorizzat bil-miktub mill-awtorità kompetenti -

(*a*) tibgħat lill-awtorità kompetenti u lill-Bank Ċentrali, u

(*b*) tesponi f'pożizzjoni prominenti f'kull wieħed mill-uffiċċji u fergħat tagħha f'Malta u tħalli hekk esposta matul is-sena kollha,

kopja tar-reżokontijiet finanzjarji verifikati tagħha magħmula u ppubblikati b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi speċifikat skond Regola Bankarja.

Udituri.
*Emendat: XXV.1995.434; XVII. 2002.188; XX. 2007.85, 119.*

**31.**(1)(*a*) Kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tinnomina kull sena uditur jew udituri approvati li d-dmir tagħhom ikun biex jirraporta dwar ir-reżokontijiet finanzjarji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu eżaminati minnhom u dwar ir-reżokonijiet finanzjarji kollha preparati mill-istituzzjoni ta' kreditu.

Kap. 386.

(*b*) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu uditur approvat għandu jkun persuna li tkun kwalifikata biex tkun uditur skond l-Att dwar Kumpanniji, u jkollha l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti biex taġixxi bħala uditur ta' istituzzjoni ta' kreditu.

(2) Jekk istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tinnomina uditur skond is-subartikolu (1), jew f'xi żmien tonqos milli timla xi vakanza fil-kariga ta' uditur, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tinnomina uditur għal dik l-istituzzjoni ta' kreditu u għandha tistabbilixxi l-kumpens li għandu jitħallas minn dik l-istituzzjoni ta' kreditu lil dak l-uditur.

(3) Ir-rapport ta' l-udituri għandu jinkludi dikjarazzjonijiet dwar il-ħwejjeġ li ġejjin -

(*a*) jekk akkwistawx l-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet kollha li skond l-aħjar tagħrif u twemmin tagħhom kienu meħtieġa għall-iskop tal-verifika tagħhom;

(*b*) jekk fil-fehma tagħhom kienux inżammu kotba xierqa tal-kontijiet mill-istituzzjoni ta' kreditu, safejn jidher mill-eżami tagħhom ta' dawk il-kotba;

(*ċ*) jekk ir-reżokontijiet finanzjarji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu trattati fir-rapport ikunux jaqblu mal-kotba tal-kontijiet;

(*d*) jekk, fil-fehma tagħhom, u skond l-aħjar tagħrif tagħhom u skond l-ispjegazzjonijiet mogħtija lilhom, ir-reżokontijiet finanzjarji msemmija jagħtux l-informazzjoni meħtieġa minn kull liġi li tista' minn żmien għal żmien tkun isseħħ bil-mod hekk meħtieġ u jagħtux veduta vera u ġusta.

(4) Ir-rapport ta' l-udituri għandu jinqara flimkien mar-rapport tad-diretturi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu fil-laqgħa annwali ta' l-azzjonisti.

(5) Kull uditur ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jkollu d-dritt li jitlob mingħand kull funzjonarju jew impjegat ta' l-istituzzjoni ta' kreditu dik l-informazzjoni jew spjegazzjoni li tkun tidhirlu meħtieġa fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu.

(6) Istituzzjoni ta' kreditu għandha minnufih tavża bil-miktub lill-awtorità kompetenti -

(*a*) malli tinnomina l-udituri tagħha;

(*b*) jekk tkun bi ħsiebha tavża lill-azzjonisti tagħha biex -

(i) tirrimpjazza l-udituri tagħha malli jagħlaq iż-żmien tal-kariga tagħhom;

(ii) tneħħi l-udituri tagħha qabel jagħlaq iż-żmien tal-kariga tagħhom;

(*ċ*) jekk l-udituri jieqfu milli jkunu udituri ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għal xi raġuni li ma tkunx waħda mir-raġunijiet li jinsabu fil-paragrafu (*b*).

(7) L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ lil istituzzjoni ta' kreditu biex tibdel l-udituri nominati tagħha meta, fil-fehma ta' l-awtorità kompetenti, dawk l-udituri jitqiesu li ma jkunux adatti għal dik il-kariga.

(8) Uditur għandu javża minnufih lill-awtorità kompetenti jekk -

(*a*) huwa jirriżenja;

(*b*) ma jkunx bi ħsiebu li jieħu dik il-kariga mill-ġdid; jew

(*ċ*) jiddeċċiedi li jikkwalifika r-rapport ta' verifika.

(9) Jekk fil-kariga tiegħu bħala uditur ta' istituzzjoni ta' kreditu jew bħala riżultat ta' talba diretta ta' l-awtorità kompetenti skond l-artikolu 20 jew skond l-artikolu 22, uditur isir jaf b'xi materja li jkollha x'taqsam ma' u li jista' jkollu effett avvers serju fuq id-depożitanti ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu, jew ta' fergħat f'Malta kollha ta' istituzzjoni ta' kreditu li ma jkollhiex liċenza f'Malta, jew ta' xi persuna konnessa li tkun istituzzjoni ta' kreditu, huwa għandu minnufih jgħarraf lill-awtorità kompetenti permezz tal-*management* ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jew, jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jiġġustifikaw, direttament lill-awtorità kompetenti.

(10) Minkejja kull disposizzjoni tas-subartikoli ta' qabel dan, l-awtorità kompetenti tista' fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu li ma jkollhiex liċenza f'Malta tagħti eżenzjoni b'Regola Bankarja minn kwalunkwe ħtieġa ta' dan l-artikolu sakemm dik l-eżenzjoni ma tnaqqasx sostanzjalment l-iskopijiet prinċipali ta' dan l-artikolu.

(11) Sa fejn id-disposizzjoniet ta' dan l-artikolu huma inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Kumpanniji, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jipprevalu u d-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att ma għandomx, sa fejn ikunu inkonsistenti, japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu. Kap. 386.

Swalifika ta' funzjonarji.
*Emendat: XVII. 2002.188; XX. 2007.120.*

**32.** (1) Ebda persuna -

(*a*) li tkun ġiet dikjarata falluta b'sentenza jew li tkun għamlet akkordju mal-kredituri tagħha jew li kienet funzjonarju ta' bank li kellu l-liċenza tiegħu imħassra skond l-artikolu 9(2), u li ma tkunx ġiet eżentata bil-miktub mill-awtorità kompetenti mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu; jew

(*b*) li tkun interdetta jew inabilitata jew li kienet involuta f'*money laundering* jew li tkun ġiet misjuba ħatja ta' delitt li jolqot il-fiduċja pubblika, serq, qerq, estorsjoni jew talli xjentement tkun irċeviet oġġetti miksuba b'serq jew b'qerq,

ma għandha taġixxi jew tkompli taġixxi bħala funzjonarju ta' bank.

Dmirijiet ta' funzjonarji.
*Emendat: XVII. 2002.188; XX. 2007.85.*

**33.** Kull funzjonarju ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jieħu l-passi raġonevoli kollha -

(*a*) biex jassigura li l-istituzzjoni ta' kreditu tosserva d-disposizzjonijiet kollha ta' dan l-Att u tal-liċenza tagħha jew kull Regola Bankarja jew regolament maħruġ taħt dan l-Att, u

(*b*) biex jassigura li ebda informazzjoni skorretta ma tiġi provduta kemm jekk volontarjament jew bħala riżultat ta' negliġenza gravi.

Konfidenzjalità.
*Emendat: XVII. 2002.189; XX. 2007.121.*

**34.** (1) Ebda ħaġa f'dan l-Att m'għandha tawtorizza lill-Bank Ċentrali jew lill-awtorità kompetenti li tinvestiga jew li ġġiegħel li ssir investigazzjoni f'istituzzjoni ta' kreditu dwar l-affarijiet ta' xi klijent individwali ta' istituzzjoni ta' kreditu ħlief -

(*a*) għall-fini li tiġi żgurata konformità ma' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull Att ieħor, jew

(*b*) sabiex jiġi faċilitat il-monitoraġġ fuq bażi konsolidata jew mhix konsolidata, ta' l-aġir ta' negozju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, speċjalment dwar il-monitoraġġ tal-likwidità, solvibbiltà, garanziji ta' depożitu, *exposures* kbar, proċeduri amministrattivi u proċeduri ta' kontijiet u mekkaniżmi ta' kontroll intern, jew

Kap. 204.

(*ċ*) għall-fini li l-Bank Ċentrali jkun jista' jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, jew

(*d*) għall-fini li l-Bank Ċentrali jew l-awtorità kompetenti jkunu jistgħu, skond il-każ, jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom li joriġinaw taħt l-obbligi internazzjonali ta' Malta.

(2) Ebda persuna, inklużi uffiċjali jew aġenti ta' l-imgħoddi jew tal-preżent ta' bank, m'għandha tiżvela ebda informazzjoni dwar l-affarijiet ta' bank jew ta' klijent ta' bank li hija tkun kisbet fil-qadi tad-dmirijiet tagħha jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u

Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu ħlief -

(*a*) meta tkun awtorizzata tagħmel dan taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu; jew

(*b*) għall-fini tal-qadi ta' dmirijietha jew ta' l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha;

(*ċ*) meta tkun legalment meħtieġa tagħmel hekk minn xi qorti jew taħt xi disposizzjoni ta' xi liġi;

(*d*) għall-fini li l-Bank Ċentrali jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom li joriġinaw taħt l-obbligi internazzjonali ta' Malta; jew

(*e*) meta l-klijent espressament jagħti l-kunsens tiegħu, bil-miktub, biex tiġi żvelata l-informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-affarijiet tiegħu, sal-limitu awtorizzat mill-klijent.

(3) Meta funzjonarju ta' istituzzjoni ta' kreditu ikollu għalfejn jaħseb li operazzjoni jew operazzjoni proposta tista' tinvolvi *money laundering*, huwa obbligat jimxi skond ir-regolamenti maħruġa taħt l-Att kontra *Money Laundering* u skond linji ta' gwida magħmula mill-awtorità kompetenti. It-tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jkunx jikkostitwixxi ksur ta' konfidenzjalità. Kap. 373.

(4) Uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti u tal-Bank Ċentrali, inklużi uffiċjali passati u preżenti, kif ukoll l-udituri jew esperti li jaġixxu għan-nom ta' l-awtorità kompetenti jew tal-Bank Ċentrali, m'għandhomx jiżvelaw informazzjoni miksuba mingħand istituzzjonijiet ta' kreditu waqt li jkunu qegħdin jaqdu dmirijiet ta' sorveljanza u oħrajn u li tkun regolata bl-obbligu ta' segretezza professjonali, kemm-il darba dak l-iżvelar ta' informazzjoni ma jsirx f'forma sommarja jew kollettiva, b'mod illi l-identità ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, li dik l-informazzjoni tkun tappartjeni għaliha, ma tkunx tista' tiġi żvelata:

Iżda dawk l-uffiċjali, udituri jew esperti jistgħu jiżvelaw dik l-informazzjoni għall-fini tal-qadi ta' dmirijiethom jew ta' l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, jew meta jkunu legalment meħtieġa jagħmlu hekk minn xi qorti jew taħt id-disposizzjonijiet ta' xi liġi.

(5) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra u meta jkun meħtieġ għall-qadi kif imiss ta' l-attivitajiet tagħha, istituzzjoni ta' kreditu tista' tikkomunika kull informazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha u li jkollha x'taqsam ma' l-affarijiet ta' klijent lil membri oħra tal-grupp ta' kumpanniji li dik l-istituzzjoni tkun tifforma parti minnhom, li jew joħorġu flus elettroniċi jew iwettqu xi attività minn dawk imsemmija fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, jew attivitajiet ta' banek jew attivitajiet ekwivalenti oħra huma jkollhom liċenza biex iwettqu kif imiss, jew komplimentari u, jew funzjonijiet supplimentari għal dawn: Kap. 376.

Iżda kull tali komunikazzjoni ta' informazzjoni għandha ssir bla ħsara għal kull kontroll u salvagwardja adatti, biex hekk

għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tiżgura li l-membru ta' dak il-grupp ta' kumpanniji jkun soġġett għal obbligi ekwivalenti li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' *data*, il-kunfidenzjalità u l-kura skond ma teħtieġ il-liġi ta' Malta:

Iżda wkoll għall-fini ta' dan l-artikolu, ir-reklamar, bejgħ jew promozzjoni, m'għandhom, taħt ebda ċirkostanza, ikunu kkunsidrati bħala meħtieġa għall-qadi kif imiss ta' l-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu.

Reati u pieni. *Emendat: XVII. 2002.190; XX. 2007.85, 122 A.L. 425 ta' l-2007.*

**35.** (1) Kull persuna li -

(*a*) tagħmel xi dikjarazzjoni, wegħda jew tbassira li hija tkun taf li tkun qarrieqa, falza jew li tkun tinganna, jew diżonestament taħbi xi fatti sostanzjali, jew

(*b*) bi traskuraġni tagħmel (diżonestament jew xort'oħra) dikjarazzjoni, wegħda jew tbassira li tkun qarrieqa, falza jew tkun tinganna,

tkun ħatja ta' reat jekk hija tagħmel id-dikjarazzjoni, wegħda jew tbassira jew taħbi l-fatti sabiex tħajjar, jew tkun indifferenti jekk tistax tħajjar, persuna oħra (sew jekk tkun jew ma tkunx il-persuna li lilha tkun saret id-dikjarazzjoni, wegħda jew tbassira jew li minnha jkunu nħbew il-fatti) -

(i) biex tagħmel, jew iżżomm milli tagħmel, depożitu magħha jew ma' xi persuna oħra; jew

(ii) biex tidħol, jew iżżomm milli tidħol, f'xi ftehim għall-għemil ta' dak id-depożitu.

(2) Is-subartikolu (1) ma' għandux japplika ħlief jekk -

(*a*) id-dikjarazzjoni, wegħda jew tbassira f'Malta jew minn Malta, jew jekk il-fatti jinħbew f'Malta jew minn Malta jew jekk isiru arranġamenti f'Malta jew minn Malta għal biex issir dik id-dikjarazzjoni, wegħda jew tbassira jew għal biex jinħbew il-fatti;

(*b*) il-persuna li fuqha dak it-tħajjir ikun intenzjonat li jkollu jew jista' jkollu effett tkun f'Malta; jew

(*ċ*) id-depożitu jsir jew ikun ser jsir f'Malta jew jekk il-ftehim isir jew ikun se jsir f'Malta.

(3) Kull persuna li -

(*a*) tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*b*) tikser jew tonqos ti tħares id-disposizzjonijiet ta' xi Regola Bankarja, Regola dwar Flus Elettroniċi, regolament jew kondizzjoni ta' liċenza;

(*ċ*) tonqos li tosserva xi ordni jew ħtieġa leġittima ta' l-awtorità kompetenti jew tal-Bank Ċentrali;

(*d*) tonqos li tosserva xi ordni jew ħtieġa leġittima tat-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji;

(*e*) tonqos li tosserva xi ordni jew ħtieġa leġittima ta' xi persuna oħra magħmula skond dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus

Elettroniċi magħmulin taħtu;

(*f*) mingħajr skuża raġonevoli taltera, tissopprimi, taħbi, tiddistruġġi jew tirrifjuta li tipproduċi xi dokument li hija legalment tkun meħtieġa li tipproduċi lil xi persuna skond dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu,

tkun ħatja ta' reat.

(4) Kull persuna li xjentement tkun parti fl-għemil jew tipprokura jew tgħin jew tħajjar l-għemil ta' xi reat taħt is-subartikoli (1) u (3) tkun ħatja ta' reat u tkun suġġetta għall-istess pieni bħall-ħati prinċipali.

(5) Il-Ministru għandu joħroġ regolamenti li jippreskrivu il-pieni għal reati kontra dan l-Att, u dawn ir-regolamenti jistgħu -

(*a*) jippreskrivu l-pieni li huma esegwibbli bi prosekuzzjoni fil-qrati ta' Malta;

(*b*) jippreskrivu pieni differenti għal kontravvenzjonijiet ta' disposizzjonijiet differenti ta' dan l-Att u kull regolament magħmul taħtu;

(*ċ*) jippreskrivu pieni kkalkulati skond ma jkun ilu sejjer ir-reat;

(*d*) jipprovdu għal appell lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji minn xi deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti li timponi piena amministrattiva.

(6) Il-pieni preskritti b'regolamenti maħruġa skond is-subartikolu (5) -

(*a*) fil-każ ta' priġunerija, ma għandhomx jipprovdu għal sentenza ta' priġunerija ta' iżjed minn sentejn;

(*b*) fil-każ ta' multa imposta wara prosekuzzjoni fil-qrati ta' Malta, ma għandhomx jipprovdu għal multa ta' inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew l-ekwivalenti tagħha f'euro jew iżjed minn miljun u mija u erbgħa u sittin elf u sitt mija u sitta u tmenin euro u sebgħin ċenteżmu (1,164,686.70).

(7) Il-Ministru jista' b'regolamenti jipprovdi għal pieni amministrattivi li jistgħu jiġu imposti mill-awtorità kompetenti mingħajr rikors għal kawża fil-qorti:

B'dan iżda illi piena amministrattiva ma tistax timponi piena finanzjarja ta' iżjed minn mija u sittax-il elf u erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67).

(8) Ebda proċedimenti għal reat taħt dan l-Att u kull regolament magħmul taħtu, barra minn proċedimenti li jimponu penali amministrattiva, ma għandhom jinbdew mingħajr is-sanzjoni ta' l-Avukat Ġenerali.

Penalitajiet amministrattivi.
*Miżjud: XVII. 2002.191. Emendat: XX. 2007.123.*

**35A.** (1) Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li timponi penali amministrattiva, din għandha tinnotifika lill-persuna li fuqha l-penali tkun qed tiġi mposta bil-mezz ta' avviż bil-miktub.

(2) Jekk il-persuna li lilha jkun ġie notifikat dak l-avviż:

(*a*) tonqos li tħallas lill-awtorità kompetenti l-ammont tal-penali fi żmien tletin jum min-notifika ta' l-avviż, u tonqos li tappella mid-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji; jew

(*b*) tappella lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji u fi żmien ħmistax-il jum mid-deċiżjoni tat-Tribunal biex tħallas il-penali amministrattiva kif konfermata jew imnaqqsa minn dak it-Tribunal;

allura, f'kull każ, l-ammont tal-penali amministrattiva, kif impost oriġinarjament jew kif imnaqqas, skond il-każ, ikun dovut lill-awtorit**à** kompetenti bħala dejn ċivili, u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) għandhom japplikaw.

(3) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (1), jew id-deċiżjoni tat-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji, skond il-każ, għandhom, man-notifika ta' kopja tagħhom lill-persuna indikata fl-avviż, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Applikazzjoni ta' l-Att għall-Bank Ċentrali.

**36.** Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw għall-Bank Ċentrali, ħlief fejn u sa fejn il-Bank Ċentrali huwa msemmi b'ismu.

*Miżjuda: XVII. 2002.192. Emendata: II. 2010.6.*

SKEDA

(Artikolu 2(4))

Lista ta' Attivitajiet Addizzjonali

1. *Leasing* finanzjarju;

2. Servizzi ta' pagament kif imfissra fl-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

3. Ħruġ u amministrazzjoni ta' mezzi ta' ħlas oħra (*travellers' cheques*, *drafts* bankarji u strumenti simili) sakemm din l-attività ma tkunx koperta bl-attività 2 hawn qabel;

4. Garanziji u *commitments*;

5. Kummerċ f'isimhom stess jew akkont tal-klijenti fi:

(*a*) Dokumenti tas-suq tal-flus (ċekkijiet, kambjalijiet, ċertifikati ta' depożitu, u dokumenti simili);

(*b*) kambju barrani;

(*ċ*) *futures* u *options* finanzjarji;

(*d*) dokumenti ta' kambju u ta' rata ta' mgħax;

(*e*) titoli trasferibbli.

6. Parteċipazzjoni fi ħruġ ta' titoli u l-provdiment ta' servizzi li għandu x'jaqsam ma' dak il-ħruġ;

7. Pariri lil impriżi fuq struttura kapitali, strateġija industrjiali u kwistjonijiet relatati u pariri kif ukoll servizzi dwar *mergers* u x-xiri ta' impriżi;

8. *Broking* ta' flus;

9. Amministrazzjoni ta' portafoll u pariri;

10. *Safekeeping* u amministrazzjoni ta' titoli;

11. Servizzi b'riferenza għal kreditu;

12. Servizzi ta' kustodja fis-sigurtà.